

Brussell, 24 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10464/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0543 (COD)**

RECH 278
COMPET 761
IND 409
MI 625
EDUC 267
TELECOM 311
ENER 392
ENV 719
CLIMA 325
AGRI 492
TRANS 415
SAN 474
BIOTECH 78
CADREFIN 288
CODEC 1162

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Pakkett Orizzont Ewropa: Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2028-2034 Programm Qafas u r-regoli tiegħu għall-parteciġazzjoni u d-disseminazzjoni - Approċċ ġenerali parzjali

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt test rivedut tal-Presidenza.

L-ammonti ta' referenza kollha huma pendenti sakemm jiġu konklużi n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Id-dispożizzjonijiet fil-parentesi huma esklużi mill-approċċ ġenerali parzjali.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 173(3), 182(1), 183, 188, it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 322(1), il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri (1),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² ĠU C [...], [...], p. [...].

Billi:

- (1) Hu objettiv tal-Unjoni li ssaħħa il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tagħha billi ssaħħa iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) ħalli r-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament u billi tħeġġeġ l-iżvilupp tal-kompetittività tagħha, inkluż fl-industrija tagħha, filwaqt li tippromwovi l-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) biex jinkisbu l-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni, li fl-aħħar mill-aħħar huma maħsuba biex iseddqu l-paċi, il-valuri tal-Unjoni u l-ġid tal-popli tagħha. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp ulterjuri taż-ŻER jenħtieġ jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva taċ-ċirkolazzjoni libera tal-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni bħala l-"ħames libertà" tal-Unjoni.
- (2) Biex tħalli impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali u jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-investimenti tal-Unjoni fir-R&I, l-Unjoni jenħtieġ li tinvesti fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2028-2034 (il-"Programm"), li jenħtieġ li jsahha it-tmexxija u l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika, il-kompetittività, ir-reżiljenza u s-sovranià, is-sostenibbiltà u l-koeżjoni soċjali.
- (2a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-ħolqien, it-tixrid aħjar u t-trasferiment ta' għarfien, innovazzjoni u teknoloġiji eċċellenti fl-Unjoni, irawwem karrieri fir-riċerka, jattira u jżomm it-talent fil-livelli kollha u jikkontribwixxi għall-involvement sħiħ tar-riżerva ta' talenti tal-Unjoni, jiffaċilita r-rabtiet kollaborattivi u jsahha l-impatt tar-R&I fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni, jappoġġa u jsahha l-adozzjoni u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli fl-Unjoni u jindirizza l-isfidi Ewropej u dinjin, f'sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Jenħtieġ tingħata attenzjoni għall-ħtiġijiet speċifiċi li jirriżultaw mill-isfidi ġeopolitiċi.
- (3) [Il-Programm jenħtieġ li jkun marbut mill-qrib mar-Regolament (UE) [XXX]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività]³ billi jqiegħed ir-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-istrateġija tal-ekonomija u tal-investiment tal-Unjoni.]

³ ĠU C [...], [...], p. [...].

- (4) Barra minn hekk, l-Unjoni jenħtieġ li timmira li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi d-diversità, l-inklużjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u li tiġġieled id-diskriminazzjoni f'konformità mal-Artikoli 8 u 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (4a) Il-Programm jenħtieġ jippromwovi b'mod attiv l-użu tar-riżultati tar-riċerka ffinanzjata pubblikament u tal-evidenza xjentifika fil-proċessi tat-tfassil tal-politika fil-livelli kollha, biex jippromwovi politiki pubbliċi bbażati fuq l-evidenza. Jenħtieġ tingħata enfasi speċjali fuq l-iżgurar li l-għarfien xjentifiku jkun aċċessibbli u rilevanti għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u għaċ-ċittadini.
- (4b) Il-Programm jenħtieġ li jrawwem l-integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u umanistiċi (SSH) billi jqis l-aspetti tal-SSH fil-komponenti kollha u fl-istadji kollha ta' programmazzjoni u permezz ta' monitoraġġ u rapportar f'waqthom tal-SSH f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati.
- (5) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza reċenti wriet il-ħtieġa li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tal-infiq tal-Unjoni tiegħu jkunu aktar flessibbli. Għal dak il-għan, u f'konformità mal-oġettivi tal-Programm, il-finanzjament jenħtieġ li jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li jiżgura prevedibbiltà suffiċjenti għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (6) Ir-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni tal-Programm, inkluż il-proċessi ta' evalwazzjoni, tfasslu b'mod biex jissimplifikaw aktar l-aċċess, itejbu l-ftuħ, u jimmassimizzaw l-impatt tal-finanzjament tal-Unjoni. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCPs) jenħtieġ li jkollhom rwol ċentrali fis-simplifikazzjoni tal-aċċess u fit-tisħiħ tal-ftuħ permezz ta' komunikazzjoni mmirata u d-disseminazzjoni ta' Orizzont Ewropa lil applikanti potenzjali, inkluż parteċipanti ġodda u gruppi fil-mira ġodda, u b'hekk jikkontribwixxu għal parteċipazzjoni inklużiva u kwalità mtejjba tal-proposti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa u tikkoopera man-network tal-NCPs biex ittejjeb il-konsistenza u l-effettività tas-servizzi madwar l-Unjoni.

- (7) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għal aktar investiment pubbliku u privat fir-R&I fl-Istati Membri, u b'hekk jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-investiment ġenerali ta' mill-inqas 3 % tal-prodott domestiku gross (PDG) tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp u jikkontribwixxi biex jingħalaq id-distakk fl-innovazzjoni fl-Unjoni u mal-kompetituri globali. L-investiment tal-Istati Membri fir-R&I jenħtieġ li jiġi vvalutat bl-għajnuna tal-qafas għall-koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi, baġitarji, tal-impjiegi u soċjali fl-Unjoni – il-proċess tas-Semestru Ewropew. Biex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri u s-settur privat jenħtieġ li jikkomplementaw il-Programm bl-azzjonijiet imsaħħin tal-investiment tagħhom stess fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-Unjoni għamlet progress kostanti fiż-żieda tal-investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp iżda għadha lura meta mqabbla ma' mexxejja dinjin oħrajn. Il-mira ta' 3 % imsemmija hawn fuq, stabbilita aktar minn għoxrin sena ilu, irrikonoxxiet l-importanza tar-riċerka u l-iżvilupp bħala pedament għal soċjetà bbażata fuq l-għarfien u mutur ewlieni tat-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività globali fit-tul. Filwaqt li l-mira ħeġġet lil diversi Stati Membri jistabbilixxu l-miri tal-intensità tagħhom stess fir-riċerka u l-iżvilupp, għad hemm disparitajiet ġmielhom għax ftit huma l-Istati Membri li laħqu jew qabżu l-ambizzjoni tal-investiment tagħhom.
- (8) Id-definizzjonijiet tal-OECD rigward il-livelli ta' thejġija teknoloġika (TRLs) jenħtieġ li jitqiesu, fejn rilevanti, fil-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni skont il-livell ta' maturità teknoloġika tagħhom, l-iżvilupp tal-prodotti u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, u fid-definizzjoni tat-tipi ta' azzjoni disponibbli fis-sejthiet għall-proposti. Jenħtieġ li ma jiġux aġġudikati għotjiet għal azzjonijiet meta l-attivitajiet ikunu jaqbżu t-TRL 8.

- (9) Is-Sħubijiet Ewropej huma strument ewlieni għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni. Jenħtiegħ li l-oqsma għas-Sħubijiet Ewropej jiġu ddefiniti abbażi tal-gwida mogħtija mill-Kunsill, jew meta xieraq, mill-korpi konsultattivi tal-Kunsill. Sabiex jiġu indirizzati l-frammentazzjoni u d-duplikazzjonijiet, jenħtiegħ li s-Sħubijiet Ewropej isegwu approċċ strateġiku bbażat fuq il-portafoll biex itejbu l-koerenza, jiżguraw il-komplementarjetà u jottimizzaw l-użu tar-riżorsi tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtiegħ ikollhom rwol importanti fl-identifikazzjoni, l-għażla u l-iżvilupp tal-portafoll tas-Sħubija Ewropea u fl-implimentazzjoni tiegħu. L-identifikazzjoni tal-portafoll jenħtiegħ li tiġi konkluża kmieni biżżejjed fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni biex tippermetti deċiżjonijiet ta' investiment nazzjonali u reġjonali. Is-Sħubijiet Ewropej jenħtiegħ li jkunu bbażati fuq Aġendi Strateġiċi ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Unjoni u jsarrfuhom f'azzjonijiet konkreti tul il-katina tal-valur kollha, b'mod partikolari l-attivitajiet għall-introduzzjoni fis-suq u l-perkorsi li jenħtiegħ li jiġu appoġġati minn sorsi oħra bħall-FEK. Jenħtiegħ li d-dokumenti ta' stabbiliment jipprovdu qafas ċar u legalment sod għall-kooperazzjoni bejn is-sħab, inkluż ir-rwoli, id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom, b'arranġamenti legali u finanzjarji aktar dettaljati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet minn sħab għajr l-Unjoni, stabbiltà, fejn xieraq, fi ftehimiet komplementari.
- (9a) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni effettivi, effiċjenti u trasparenti tal-Programm, jenħtiegħ li l-azzjonijiet fil-kuntest tas-Sħubijiet Ewropej jiġu implimentati bi proċeduri ta' aġġudikazzjoni uniċi inkluż proċeduri ta' sejħa, evalwazzjoni, għażla u monitoraġġ. Jenħtiegħ li l-proċeduri ta' aġġudikazzjoni jnaqqsu l-piż u l-frammentazzjoni tal-implimentazzjoni għall-benefiċċjarji u jiffaċilitaw monitoraġġ u ġbir tad-data komprensivi sabiex tissaħħaħ ir-responsabbiltà u tiżdied it-trasparenza.
- (9b) Sħab għajr l-Unjoni jistgħu jinkludu s-settur pubbliku u/jew dak privat; f'każijiet fejn tali sħubijiet jiġu konklużi ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi (eż. assoċjazzjonijiet tal-industrija), il-membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet jenħtiegħ jitqiesu wkoll bħala sħab għall-finijiet tas-Sħubija Ewropea.

- (9c) Sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti taċ-ċiklu tal-ħajja għas-Sħubijiet Ewropej, kull sħubija jenħtieġ tinkludi strateġija ta' ħruġ ex ante u miżuri għat-tneħħija gradwali tal-finanzjament tal-Programm Qafas. It-tali strateġiji jenħtieġ li jipprovdu riflessjoni li tħares 'il quddiem dwar kif l-oġettivi, l-attivitajiet u r-riżultati tas-sħubija jistgħu jiġu sostnuti, ittrasformati jew imwaqqfa lil hinn mill-appoġġ tal-Unjoni, filwaqt li jiżguraw tranżizzjoni ordnata u l-preservazzjoni tal-eżiti ewlenin, filwaqt li jippermettu l-kontinwazzjoni possibbli tal-attivitajiet permezz ta' programmi oħra tal-Unjoni, finanzjament nazzjonali jew investiment privat.
- (10) [Is-Sħubijiet Ewropej, inkluż fil-forma ta' Impriżi Konġunti, bħala għodda essenzjali biex jitwettqu l-involvimenti u l-investimenti industrijali fir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi, jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-oġettivi speċifiċi ta' politika tat-twieqi tal-politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u ser jiġu appoġġati permezz tiegħu, meta meħtieġ, biex jintlaħqu dawn l-oġettivi.]
- (12a) L-oqsma tal-Missjonijiet tal-UE dwar it-tibdil fil-klima, il-kanċer, ir-restawr tal-oċeani, is-saħħa tal-ħamrija, u l-iżvilupp ta' bliet newtrali għall-klima u intelliġenti, ġew stabbiliti fir-Regolament 2021/695, bl-ambizzjoni li dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'għanijiet ċari u marbuta biż-żmien. Il-Missjonijiet tal-UE jenħtieġ li jħaffu l-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi u jgħinu fil-ħolqien ta' swieq ewlenin għal prodotti u servizzi ġodda. Wara diversi snin ta' investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati teknoloġiji, servizzi, prodotti u innovazzjonijiet soċjali trasformattivi meħtieġa, huwa f'waqtu li jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-adozzjoni tal-aħjar soluzzjonijiet. It-twieqi ta' politika tal-FEK jirrappreżentaw possibbiltà unika biex tiġi żgurata l-kopertura tal-katina tal-valur sħiħa u l-kisba tal-oġettivi tal-Missjonijiet. Filwaqt li l-ħtiġijiet pendenti tar-riċerka u l-innovazzjoni xorta jenħtieġ li jiġu integrati fil-programmi ta' ħidma futuri dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi li għandhom jiġu appoġġati minn dan il-Programm sal-2030, l-implimentazzjoni attiva f'livelli ogħla ta' TRL jenħtieġ li tinkiseb permezz ta' strumenti tal-FEK u programmi oħra tal-Unjoni. L-appoġġ għall-attivitajiet tar-R&I dwar il-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) taħt Orizzont Ewropa jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn azzjonijiet immirati lejn l-implimentazzjoni fil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni.

- (13) Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) jenħtiegħ li jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli, biex ir-riċerkaturi individwali kreattivi u b'talent - b'enfasi fuq karrieri fi stadju bikri - ikunu jistgħu jaqbd u l-aktar toroq promettenti fil-fruntiera tax-xjenza. Dan l-impenn għal riċerka minn isfel għal fuq u mmexxija mir-riċerkaturi, magħżula permezz ta' kompetizzjoni fl-Unjoni kollha bbażata biss fuq il-kriterju tal-eċċellenza u miftuħa għat-talent irrispettivament min-nazzjonalità jew l-orijini, huwa fundamentali għat-tisħiħ tal-Ewropa bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni u biex tkompli tattira u żżomm l-aktar imħuħ brillanti fid-dinja. L-ERC jenħtiegħ ikompli jiżviluppa u jsaħħaħ l-attivitajiet ta' outreach u kooperazzjoni biex tiżdied il-viżibbiltà tal-ERC għall-aħjar riċerkaturi fl-Unjoni u mill-bqija tad-dinja.
- (14) F'ekonomija globali bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività fit-tul tal-Unjoni, it-tmexxija xjentifika u teknoloġika u l-kapaċità li tindirizza l-isfidi Ewropej u dinjija jenħtiegħ li jkunu jiddependu b'mod partikolari fuq l-abbiltà tagħha li tiżviluppa, tattira u tħaddem forza tax-xogħol tar-riċerka b'livell għoli tal-ħiliet u, soġġetta għal kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà, konnessa internazzjonalment. L-investment strateġiku f'riċerkaturi eċċellenti, u fit-taħriġ, il-mobbiltà u l-prospetti tal-karriera tagħhom, fid-dinja akkademja u barra minnha, hu essenzjali biex jitrawmu skoperti xjentifiċi, li jwasslu għall-innovazzjoni, ir-reżiljenza ekonomika, soċjetali u ambjentali, u l-benesseri tas-soċjetà. Bi qbil mal-prinċipji tal-Karta Ewropea għar-riċerkaturi, l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) huma strumentali fl-avvanz ta' dan l-oġġettiv. Il-Programm jenħtiegħ li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka, l-universitajiet u istituzzjonijiet oħra tal-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ, u l-ekosistemi tal-innovazzjoni, inkluż is-settur privat. Jenħtiegħ li jikkontribwixxi biex jippermetti t-tlestija taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u l-iżvilupp ta' sinerġiji maż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, fid-dimensjoni tal-edukazzjoni għolja tagħha, inkluż permezz tal-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej u Erasmus+. Dan jenħtiegħ jappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċità tas-settur tal-edukazzjoni għolja Ewropew biex jikkompeti mal-kontropartijiet globali permezz tal-kollaborazzjoni, it-trawwim, l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent u l-ingranaġġ ta' aktar investimenti privati.

- (14a) L-MSCA jenħtiegħ jikkontribwixxu għall-attraenza tal-Istati Membri kollha tal-UE bħala destinazzjonijiet dinjija ewlenin għal riċerka u innovazzjoni bbażati fuq l-eċċellenza filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw trattament ugwali u parità tal-kapaċità tal-akkwist komparabbli għar-riċerkaturi tal-MSCA irrispettivament mill-pajjiż minn fejn ikunu qed iwettqu r-riċerka tagħhom. Għalhekk jenħtiegħ li jiġu stabbiliti kif xieraq għażliet ta' kostijiet issimplifikati għall-implimentazzjoni tal-MSCA. Il-koeffiċjenti tal-korrezzjoni tal-pajjiżi u l-livelli tal-benefiċċji tal-għajxien jenħtiegħ li jiġu aġġornati kull sentejn abbażi tal-aħħar data disponibbli mill-Eurostat sabiex jitqiesu d-differenzi fl-għoli tal-ħajja u fl-istandards tal-għajxien. Jista' jiġi applikat limitu minimu għall-koeffiċjenti ta' korrezzjoni tal-pajjiżi għall-Istati Membri tal-UE u l-Pajjiżi Terzi Assoċjati.
- (14b) Jenħtiegħ li l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni jiżguraw approċċ bilanċjat bejn azzjonijiet minn isfel għal fuq u suġġetti predefiniti. Sabiex jiġu sostnuti l-viżjoni fit-tul għat-tmexxija tal-Unjoni fir-R&I, l-azzjonijiet minn isfel għal fuq jistgħu wkoll ikunu appoġġati minn inizzjattivi kollaborattivi fuq skala kbira u mmexxija mir-riċerkaturi. Sabiex jilqgħu għall-frammentazzjoni tax-xjenza, jenħtiegħ li jqisu kif xieraq in-neċessità li jiġbru l-eċċellenza minn madwar l-UE u jrawmu xejriet ġodda ta' kollaborazzjoni billi jgħibu flimkien kemm ċentri ta' eċċellenza stabbiliti kif ukoll dawk emerġenti.

- (15) Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) jenħtieġ li jstimula innovazzjoni li toħloq is-swieq tat-teknoloġija profonda. Jenħtieġ li jidentifika, jiżviluppa u jimplimenta dawn l-innovazzjonijiet tat-teknoloġija profonda permezz tal-istrumenti tiegħu. Permezz ta' appoġġ koerenti u simplifikat, l-EIC jenħtieġ li jimla l-vojt fl-appoġġ pubbliku u fl-investment privat għat-teknoloġiji trasformattivi u l-innovazzjoni tat-teknoloġija profonda. Bl-istrumenti tiegħu, l-EIC jenħtieġ li jkollu l-għan li jgħaqqad, jintegra u jħaffef il-perkors tal-innovatur mir-riċerka sas-suq u jippermetti lill-Unjoni jkollha kumpaniji ewlenin f'oqsma emerġenti tat-teknoloġija biex tilħaq l-oġettivi soċjali u ekonomiċi tagħha u tevita dipendenzi fuq reġjuni oħra fid-dinja. Jenħtieġ tingħata attenzjoni partikolari għall-appoġġ ta' start-ups rivoluzzjonarji u ta' teknoloġija profonda immexxija min-nisa u miż-żgħażaġh u għall-iffaċilitar tal-aċċess tagħhom għall-finanzi u l-mentoraġġ. L-EIC jenħtieġ li jappoġġa innovazzjonijiet ta' riskju kbir u ta' potenzjal qawwi u lil kumpaniji li jerfgħu dawn ir-riskji teknoloġiċi, xjentifiċi, finanzjarji, ta' ġestjoni jew tas-suq li għadhom ma jitqisux bankabbli, u għalhekk ma jistgħux jgħollu l-livell meħtieġ ta' investimenti biex ikunu kompetittivi globalment mis-suq. Dan jenħtieġ li jinkorpora approċċ "miftuħ" (minn isfel għal fuq) kif ukoll approċċ immexxi minn "Sfida", b'koordinazzjoni mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u t-twieqi ta' politika tiegħu. L-approċċ tal-EIC jenħtieġ li jinkludi elementi għall-ġestjoni proattiva tal-isfidi, bħal proġetti b'riskju għoli li jiġu appoġġati fi stadji jew li ma jtkomplewx f'approċċ ta' portafoll issorveljat mill-maniġers tal-programmi, u jippermetti akkwist innovattiv. Jenħtieġ li jestendi dan l-approċċ tal-EIC biex jappoġġa lill-istart-ups tad-difiża u b'użu doppju u l-espansjoni tagħhom billi jopera f'komplementarjetà sħiħa mal-Istrument InvestEU tal-FEK, it-tieqa ta' politika tal-FEK "Reżiljenza u Sigurtà, Industrijia tad-Difiża u Spazju" u l-attivitajiet tal-Iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża (EUDIS) u ta' CASSINI (Inizjattiva dwar l-intraprenditorija spazjali). L-implimentazzjoni jenħtieġ li ssir f'sinerġija mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Għall-attivitajiet relatati mad-difiża tal-EIC, dan jenħtieġ li jinkludi kondivżjoni regolari ta' informazzjoni mal-konfigurazzjoni tal-Kumitat tal-Programm responsabbli għar-"Reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju", biex jiġi żgurat it-tisħiħ tal-kompetittività tal-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea. Dan jenħtieġ li jinkludi wkoll allinjament sħiħ mad-dispożizzjonijiet tal-FEK relatati mal-istabbiliment u l-kontroll ta' entitajiet eliġibbli, biex jiġu żgurati l-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

- (15a) It-tfassil tal-EIC Plug-in u ċ-ċertifikazzjoni tal-korpi u l-programmi ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali u tal-UE għall-Plug-in tal-EIC jenħtieġ li jiġu implimentati b'ammont minimu ta' piż amministrattiv għall-programmi li japplikaw u jinkludu valur miżjud ċar għall-applikanti potenzjali.
- (15b) Jenħtieġ jiġu żgurati komplementarjetajiet u sinerġiji bejn il-Fond tal-EIC u l-FEK fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni. L-istrument InvestEU tal-FEK jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod partikolari permezz ta' garanziji baġitarji għall-kondiviżjoni tar-riskju u strumenti finanzjarji mis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni responsabbli direttament jew permezz ta' intermedjarji finanzjarji għall-għażla tal-investimenti. L-istrument InvestEU tal-FEK jista' jappoġġa kwalunkwe riċevitur finali u investiment ekonomikament vijabbli, fi kwalunkwe stadju tal-iżvilupp tagħhom, minn start-up (finanzjament inizjali u tkabbir bikri) sa scale-up, u t-teknoloġiji kollha inkluż dawk trasformattivi. L-appoġġ tal-Unjoni ttrasferit lir-riċevituri finali jista' jieħu firxa wiesgħa ta' forom, pereżempju, self, garanziji, kważi ekwità u investimenti ta' ekwità. Il-Fond tal-EIC jenħtieġ li jipprovdi appoġġ għal investiment ta' ekwità diretta lill-kumpaniji. Id-deċiżjonijiet ta' investiment mill-Fond tal-EIC jenħtieġ li jkun fihom valutazzjoni biex jiġi żgurat li l-Fond tal-EIC jinvesti f'riċevituri finali (tipikament start-ups ta' teknoloġija profonda) li ma jistgħux jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' finanzjament kollha tagħhom minn sorsi tas-suq jew mill-FEK, minħabba l-livell ta' riskju involut f'teknoloġiji ġodda u/jew swieq ġodda. Is-Servizzi ta' Aċċellerazzjoni tan-Negożju tal-EIC jistgħu jipprovdu appoġġ mhux finanzjarju lill-benefiċjarji u lir-riċevituri finali tal-EIC, u jimmiraw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom ta' teknoloġija profonda u innovazzjoni rivoluzzjonarja, filwaqt li l-Konsulenza għall-Proġetti tal-FEK tista' tipprovdi servizzi ta' konsulenza usa' b'appoġġ għal firxa usa' ta' benefiċjarji. Jenħtieġ li jinħolqu sinerġiji sabiex ir-riċevituri finali tal-Aċċelleratur tal-EIC u tal-Fond tal-EIC ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati fil-fażi ta' espansjoni tagħhom mill-Istrument InvestEU tal-FEK dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet. Dawn il-komplementarjetajiet ser jiġu żgurati pereżempju bil-kooperazzjoni tal-Bord Konsultattiv dwar l-Istrument InvestEU tal-FEK u tal-Bord tal-EIC.
- (16) Il-finanzjament ta' espansjoni tat-teknoloġija profonda mill-Fond Scaleup Europe imħabbar fl-Istrateġija għall-Kumpaniji Start-up u Scale-up, eżistenti fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitwettaq skont it-termini miftiehma fil-QFP 2021-2027. Il-finanzjament kollu ta' espansjoni skont il-QFP 2028-2034 jenħtieġ li jitwettaq skont l-FEK.

- (17) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) jenħtieġ li jkompli jipprovdi evidenza xjentifika indipendenti u appoġġ tekniku għall-politiki tal-Unjoni, tul iċ-ċiklu ta' politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni u l-ħtiġijiet rilevanti tal-Istati Membri u ta' utenti oħra tal-JRC u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni. [Il-JRC jenħtieġ li jkompli jiġġenera riżorsi addizzjonali, li jista' juża biex jappoġġa l-attivitajiet xjentifiċi u tekniċi tiegħu.]
- (18) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettivi tal-valuri u l-prinċipji kollha taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni⁴. B'mod partikolari, il-Programm jenħtieġ li jiżgura l-promozzjoni effettiva tal-opportunitajiet indaqs lil kulħadd u l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, inkluż l-integrazzjoni prestabbilita tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-R&I. Jenħtieġ li jkollu l-għan li jindirizza l-kawżi tal-iżbilanċ bejn il-ġeneri. Jenħtieġ tingħata attenzjoni partikolari biex ikun żgurat bilanċ bejn il-ġeneri fil-bordijiet tal-evalwazzjoni u f'korpi konsultattivi rilevanti oħra, bħal bordijiet u gruppi ta' esperti.
- (19) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-ekosistema tal-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka u t-teknoloġija, u hekk jikkontribwixxi għall-prijoritajiet u l-politiki strateġiċi tal-Unjoni u jipprovdi valur miżjud Ewropew permezz ta' ppjanar koerenti fit-tul u investimenti kkoordinati mal-Istati Membri. Il-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) (u kwalunkwe forum strateġiku ieħor għall-infrastrutturi tat-teknoloġija) jenħtieġ titqies kif xieraq. L-oġettiv li jingħata kontribut sa 20 % tal-kostijiet tal-kostruzzjoni jew ta' aġġornament ewlieni huwa li jiġi appoġġat portafoll koerenti kemm tal-infrastruttura tar-riċerka kif ukoll dik tat-teknoloġija, ta' interess għall-Unjoni, komplementari għall-infrastrutturi tal-Istati Membri biex jiġu xprunati l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika kif ukoll il-kompetittività, billi jiġi appoġġat il-kontinwu tar-riċerka u l-innovazzjoni minn daww bażiċi u xprunati mill-kurżità sar-riċerka applikata għall-użu soċjetali u tas-suq.

⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2122 tas-26 ta' Novembru 2021 dwar Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, ĠU L 431, 2.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reco/2021/2122/oj>.

- (20) Il-Programm jenħtieġ li jimplimenta miżuri konkreti b'appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċità [fil-pajjiżi tat-twessigħ] u t-tisħiħ tar-rabtiet kollaborattivi u l-valorizzazzjoni tal-għarfien madwar l-Unjoni li jsaħħu l-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni[fil-pajjiżi ta' twessigħ u fil-pajjiżi fi tranżizzjoni], u hekk iwasslu għal sistema Ewropea tar-R&I aktar koeżiva u integrata u jikkontribwixxu għall-mira li mill-inqas 3 % tal-PDG jiġi investit fir-riċerka u l-iżvilupp. Dawn l-azzjonijiet ikollhom ukoll l-għan li jagħtu spinta lit-tkabbir tal-kapaċità tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-atturi privati, sabiex imexxu t-tranżizzjoni lejn intensità oġhla ta' R&I fil-pajjiżi tat-twessigħ u fi tranżizzjoni. L-appoġġ taħt dawn il-miżuri jenħtieġ li jippromwovi konverġenza sostnuta 'l fuq fil-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni u jibni fuq il-progress miksub mill-pajjiżi għall-avvanz kontinwu tagħhom. Dan il-progress jenħtieġ li jiġi vvalutat regolarment bl-użu ta' data oġġettiva fil-proċess strateġiku tal-Programm bil-ħsieb li tingħata triq ċara għal gradwazzjoni eventwali mill-komponent tat-twessigħ. [L-Istati Membri eliġibbli mill-perjodu 2021-2027 jenħtieġ li jinqasmu f'żewġ gruppi għad-durata kollha tal-Programm, abbażi tal-Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni u r-redditu finanzjarju relattiv għal kull Introjtu Nazzjonali Gross (ING), abbażi tal-kriterji li ġejjin: i) "Pajjiżi fi tranżizzjoni", kemm b'Indiċi tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni (2023-2025) oġhla minn 75 % tal-medja tal-Unjoni kif ukoll b'redditu finanzjarju relattiv pożittiv għal kull ING (2021-2025) fil-qafas ta' Orizzont Ewropa; ii) "Pajjiżi tat-twessigħ", l-Istati Membri l-oħra kollha eliġibbli mill-perjodu 2021-2027.]

- (21) Filwaqt li jagħraf il-benefiċċju miksub mill-kooperazzjoni internazzjonali biex, fost l-oħrajn, jiġi indirizzat ċertu tħassib teknoloġiku, ekonomiku, ambjentali u soċjetali komuni, il-Programm jenħteġ li jippromwovi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi. Il-kooperazzjoni internazzjonali jenħteġ li tkun ibbażata fuq valuri u prinċipji komuni u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kompetittività, is-sovranità u l-eċċellenza tal-Unjoni fir-R&I, inkluż ir-rwol tagħha fid-diplomazija globali tax-xjenza u l-kapaċità tagħha li tattira u żżomm l-aħjar talenti madwar id-dinja. Il-kunsiderazzjonijiet ġeopolitiċi inkluż is-sigurtà ekonomika u tar-riċerka jenħteġ li jkunu fiċ-ċentru tal-approċċ u jenħteġ li jitqiesu gradi differenti ta' kooperazzjoni abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-benefiċċju li jista' jinkiseb mill-Unjoni biex tindirizza l-prijoritajiet u l-isfidi globali tagħha filwaqt li tissalvagwardja l-valuri u l-interessi tal-Unjoni, u b'hekk tapprofondixxi b'mod attiv u aktar strateġiku l-kollaborazzjoni ma' pajjiżi fdati tal-istess fehma għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet. L-assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali mal-Programm jenħteġ li tibqa' l-aktar forma komprensiva ta' kooperazzjoni. Il-pajjiżi terzi jenħteġ jinkludu wkoll il-kategorija ta' mikrostat Ewropej (il-Prinċipat ta' Andorra, il-Prinċipat ta' Monaco, ir-Repubblika ta' San Marino u l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) fejn hemm fis-seħħ ftehimiet internazzjonali rilevanti ma' dak l-Istat u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fih. Għall-attivitajiet tal-EIC relatati mad-difiża, jenħteġ li l-entitajiet biss stabbiliti f'pajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet tad-difiża f'konformità mal-Artikolu 50 tiegħu jkunu eliġibbli għall-finanzjament. Meta tittieħed deċiżjoni dwar il-parteeipazzjoni ta' pajjiżi terzi, għandhom jiġu osservati l-prerogattivi rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 218 TFUE.

- (22) Biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u jkun żgurat tkabbir ekonomiku sostenibbli fit-tul, hu essenzjali li tissaħħaħ il-kompetittività globali tagħha filwaqt li jitħarsu l-assi, it-teknoloġiji u l-interessi strateġiċi tagħha kif deskritt fl-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika⁵. L-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 kif ikkomplementat mill-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività] jippromwovi l-kompetittività tal-Unjoni u jipproteġi s-sigurtà ekonomika tagħha. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għall-fini tal-Programm jenħtieġ li ttipprovdi qafas legali xieraq li jippermetti, fejn meħtieġ, l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni li jippromwovu l-kompetittività bbażata fuq riċerka u innovazzjoni eċċellenti, u jipproteġu l-interessi u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni, inkluż miżuri ta' sigurtà tar-riċerka mmirati lejn is-salvagwardja tal-attivitajiet, il-persunal u l-istituzzjonijiet tar-riċerka, ir-restrizzjoni tal-parteċipazzjoni jew il-protezzjoni tar-riżultati u l-iżgurar tal-koerenza u l-konsistenza ma' regoli speċifiċi skont it-twieqi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività. Meta meħtieġ, jenħtieġ li jitħaddem approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex ikun żgurat li r-riskji relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu identifikati, ivvalutati, u indirizzati permezz ta' miżuri proporzjonati u effettivi⁶. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament Finanzjarju, għal raġunijiet ta' sigurtà, jenħtieġ li r-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà japplikaw għal fornituri ta' riskju għoli. Kwalunkwe restrizzjoni tal-parteċipazzjoni ta' sħab minn Stati Membri mhux tal-UE jew minn entitajiet tal-UE kkontrollati parzjalment jew kompletament minn entitajiet mhux tal-UE, jenħtieġ tiġi speċifikata fil-partijiet rilevanti tal-programmi ta' ħidma. Il-Kummissjoni jenħtieġ ttipprovdi l-qafas, il-proċeduri, il-gwida u l-appoġġ adegwati biex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti, effettiva u proporzjonata tar-rekwiżiti tas-sigurtà tar-riċerka fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż, fejn xieraq, awtovalutazzjoni tas-sigurtà u pjan inizjali ta' ġestjoni tas-sigurtà li jidentifika kwalunkwe kwistjoni ta' sigurtà mill-applikant.

⁵ Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar "Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika", JOIN(2023) 20 final, Brussell, 20.06.2023.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, C/2024/3510.

- (22a) It-trasparenza, il-kollaborazzjoni u l-libertà akkademika huma fil-qalba tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' klassi dinjija. Madankollu, b'tensjonijiet internazzjonali li qed jikbru u r-rilevanza ġeopolitika dejjem akbar tar-riċerka u l-innovazzjoni, is-sigurtà tar-riċerka Ewropea qed issir dejjem aktar vulnerabbli. It-trasferiment mhux mixtieq ta' għarfien u teknoloġija kritiċi, influwenzi malizzjużi minn pajjiżi terzi fuq ir-riċerka, kif ukoll il-ksur tal-etika u l-integrità jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-interessi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Dan jista' jaffettwa s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha jew jikser il-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni kif definiti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). Sabiex tiġi sostnuta u promossa kollaborazzjoni miftuħa u sikura, huwa vitali li s-settur tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Unjoni jiġi appoġġat u jingħata s-setgħa li jidentifika, jimmitiga u jindirizza r-riskji li jistgħu jikkompromettu s-sigurtà tar-riċerka u r-reżiljenza teknoloġika Ewropej jew joħolqu riskji għall-infrastrutturi strateġiċi tar-riċerka u t-teknoloġija. Dan jirrikjedi l-applikazzjoni proporzjonali u mmirata tal-għodod fil-Programm Qafas previst mill-Artikolu 10(2) u 10 (3) tar-Regolament [FEK]. Dawn is-salvagwardji huma meħtieġa biex jikkollaboraw b'mod sikur, u kemm jista' jkun miftuħ.
- (23) Fid-dawl tar-riskji dejjem akbar marbuta mat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali, l-emerġenzi tas-saħħa u t-theddid globali għas-saħħa, l-inċidenti teknoloġiċi, it-theddid għas-sigurtà li qed jevolvi, u tfixkil ieħor, huwa essenzjali li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jantiċipaw, iħejju u jirrispondu għall-kriżijiet u d-diżastri. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa r-riċerka li ssaħħaħ il-ġestjoni tar-riskji ta' diżastri u tal-kriżijiet, tinvesti fir-reżiljenza għall-klima, u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-funzjonijiet vitali tas-soċjetà, u tibni Unjoni aktar reżiljenti, sigura u mħejjija, bi qbil mal-oġġettivi tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.
- (24) Jenħtieġ li l-attivitajiet ikunu jirriflettu l-importanza li jiġi indirizzat it-telf drammatiku tal-bijodiversità u jikkontribwixxu għall-preservazzjoni u r-restawr tan-natura, l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom. L-integrazzjoni tax-xjenza ambjentali fl-attivitajiet hija meħtieġa biex tiġi evitata ħsara lill-ambjent, biex jinżamm ambjent nadif u biex jiġu restawrati ekosistemi b'saħħithom, filwaqt li jitqies l-approċċ Saħħa Waħda.

- (25) Il-Programm jirrikonoxxi t-tibdil fil-klima bħala waħda mill-akbar sfidi globali tas-soċjetà u l-azzjoni klimatika bħala mutur għall-kompetittività u r-reżiljenza soċjetali u ambjentali. L-attivitajiet jenħtieġ li jirriflettu l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima biex tinkiseb tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika f'konformità mal-politiki u l-impenji tal-Unjoni.
- (26) Is-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-Programm hi essenzjali biex tiżgura l-aċċessibbiltà u l-effiċjenza tiegħu, b'mod partikolari billi tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, inkluż ir-rekwiżiti ta' rapportar, u timminimizza r-riskji ta' errur. Għal dan il-għan, il-Programm jenħtieġ li jagħmel użu minn somom f'daqqa fejn rilevanti. Meta l-karatteristiċi jew l-oġettivi speċifiċi ta' azzjoni jiġġustifikawh, il-finanzjament ibbażat fuq ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli reali jenħtieġ li jibqa' possibbli. L-avvanz tal-isforzi matul il-Programmi Qafas preċedenti biex jiġu ssimplifikati r-regoli ta' finanzjament u tiġi pprovduta informazzjoni ċara lill-partekipanti biex jiġu minimizzati l-iżbalji, ir-rimborż tal-kostijiet tal-persunal jenħtieġ li jiġi ssimplifikat aktar ukoll billi tiġi proposta l-għażla tal-kostijiet unitarji tal-persunal, meta dan jgħin biex titnaqqas il-kumplessità għall-partekipanti u jiffaċilita r-rapportar. L-attrazzjoni tal-għażla tal-kostijiet unitarji tal-persunal jenħtieġ li tiżdied billi tiġi żgurata kopertura ġusta tal-kostijiet.
- (26a) Jenħtieġ li l-proposti jibqgħu jiġu magħżula fuq il-bażi tal-evalwazzjoni magħmula minn esperti esterni indipendenti. Il-proċess ta' evalwazzjoni jenħtieġ jiġi mfassal biex jevita konflitti ta' interess u preġudizzju, inkluż il-preġudizzju tal-ġeneru. Bl-għan li jiġi ssimplifikat il-proċess ta' applikazzjoni għall-benefiċjarji, jenħtieġ li tiġi kkunsidrata proċedura ta' sottomissjoni f'żewġ stadji, inkluż fejn ikun mistenni għadd kbir ta' proposti, abbażi tad-data disponibbli. Fejn xieraq u ġustifikat minn data robusta, il-proposti anonimizzati jenħtieġ li jiġu evalwati matul l-ewwel stadju tal-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli tinvolvi lill-osservaturi indipendenti fil-proċess ta' evalwazzjoni, fejn applikabbli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament rilevanti jieħdu l-miżuri adatti biex jippruvaw jiksibu kompożizzjoni bbilanċjata fil-gruppi tal-esperti u l-bordijiet ta' evalwazzjoni fir-rigward ta' hili, esperjenza, għarfien, inkluż fir-rigward ta' speċjalizzazzjoni, b'mod partikolari dwar l-SSH, id-diversità ġeografika u l-ġeneru.

- (27) Biex tiġi akkomodata struttura organizzazzjonali speċifika, speċjalment li wieħed jiltaqa' magħhom waqt l-attivitajiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni, jenħtieġ li jkun possibbli li l-kontribuzzjonijiet in natura mingħand partijiet terzi jiġu ddikjarati bħala kostijiet eliġibbli. Biex tiġi inċentivata l-valorizzazzjoni tar-riżultati, jenħtieġ li jiġi ċċarat li dan ma għandux jingħadd bħala dħul tal-azzjoni.
- (28) Biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u jiġu massimizzati l-adozzjoni u l-użu tar-riżultati b'mod ġenerali, il-benefiċjarji li jkunu sidien tar-riżultati jenħtieġ li jimmaniġġaw ir-riżultati tagħhom skont l-obbligi tagħhom stabbiliti skont dan ir-Regolament rigward il-valorizzazzjoni u d-disseminazzjoni. Dawk l-obbligi jistgħu jiġu aġġustati fil-programm ta' ħidma jew fil-ftehim ta' għotja, meta xieraq, abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' politika, inkluż l-interessi strateġiċi tal-Unjoni bħas-sigurtà ekonomika, is-sovranià teknoloġika u r-reżiljenza, iżda jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti biex jipproteġu, jagħtu aċċess, jivvalorizzaw ir-riżultati u jagħmluhom pubbliċi kif xieraq u ġustifikat, inkluż permezz ta' prattiki tax-xjenza miftuħa. Biex jeħfief u jitħaffef il-proċess tal-valorizzazzjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti strumenti u għodod ta' appoġġ f'konformità mal-istrateġija tal-valorizzazzjoni tal-Kummissjoni kif żviluppata skont il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u kwalunkwe appoġġ u servizz bħal dawn previsti fil-Kapitolu III tiegħu.
- (29) Hemm bżonn miżuri ta' appoġġ li jissaħħu u jikkollegaw aħjar l-ekosistemi tal-innovazzjoni. Tali miżuri koerenti u simplifikati jenħtieġ li jappoġġaw attivitajiet li jgħolqu u jsaħħu l-ekosistemi tal-innovazzjoni kompetittivi, robusti u konnessi u jtejbu l-kundizzjonijiet qafas permezz tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-għarfien. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jappoġġaw ukoll il-Komunitajiet ta' Konossenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT). Jenħtieġ li dawn jgħaqqdu l-ekosistemi nazzjonali, reġjonali u lokali, irawmu l-valorizzazzjoni u l-adozzjoni tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni u jgħinu biex jingħelbu l-frammentazzjoni tas-suq, l-aċċess limitat għall-kapital u s-swieq kapitali nazzjonali segmentati, l-adozzjoni bil-mod tal-innovazzjoni u n-nuqqas ta' użu tal-akkwist tal-innovazzjoni.

- (29a) Minħabba l-potenzjal trasformattiv u n-natura li qed tevolvi malajr tal-intelliġenza artifiċjali (IA), jenħtieġ li l-Programm jiżgura approċċ flessibbli u li jħares 'il quddiem li jippromwovi l-użu responsabbli, etiku u ċċentrat fuq il-bniedem tagħha f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija Ewropea għall-IA fix-Xjenza" u l-oqfsa legali applikabbli. Biex tissalvagwardja l-integrità tal-ekosistema tar-riċerka u timmassimizza l-benefiċċji soċjetali u ekonomiċi għall-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprijorizza l-monitoraġġ rigoruż tal-użu u l-impatti tat-teknoloġiji tal-IA, skont il-Linji Gwida Ħajjin dwar l-Użu Responsabbli tal-IA Ġenerattiva fir-Riċerka. Dan jinkludi t-tkomplija tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-proposti ppreżentati u l-esplorazzjoni ta' modi biex jittejjeb il-proċess ta' evalwazzjoni, fid-dawl tal-opportunitajiet u l-isfidi ppreżentati mit-teknoloġiji emerġenti, bħall-IA.
- (30) L-azzjonijiet appoġġati fil-qafas ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jħaffu jew jixprunaw l-investimenti billi jindirizzaw il-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investment subottimali, b'mod proporzjonat, jevitaw id-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u jinċentivaw il-finanzjament privat, u jipprovdu valur miżjud tal-Unjoni. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE għar-riżorsi nazzjonali, dan jenħtieġ li jiżgura wkoll konsistenza bejn l-azzjonijiet skont il-Programm u r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, u b'hekk jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (31) [Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għal Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034.]
- (32) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509⁷ japplika għall-Programm. Dan jistabbilixxi r-regoli dwar l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni, inkluż ir-regoli dwar l-għotjiet, il-premjijiet, id-donazzjonijiet mhux finanzjarji, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-assistenza finanzjarja, l-istrumenti finanzjarji u l-garanziji baġitarji. L-għotjiet, mogħtija wara sejħiet miftuħa u kompetittivi għal proposti, jenħtieġ li jkunu l-forma ewlenija ta' appoġġ fil-Programm.

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

- (33) Biex tkun żgurata l-konsistenza, jenħtieġ li jiġu implimentati garanzija baġitarja u strumenti finanzjarji, f'konformità mat-Titolu X tar-Regolament Finanzjarju u mal-arranġamenti tekniċi, inkluż meta kkombinati ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjonijiet ta' taħlit, permezz ta' dan il-Programm, skont termini u kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni tiegħu.
- (34) [Meta l-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Programm irid jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, ħlief għall-istrumenti finanzjarji tal-EIC, dan l-appoġġ jenħtieġ li jingħata esklużivament mill-Istrument InvestEU tal-FEK skont ir-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-FEK.]

- (35) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, u r-Regolamenti tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95⁹, (Euratom, KE) Nru 2185/96¹⁰ u (UE) 2017/1939¹¹, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jenħtieġ li jitħarsu b'miżuri proporzjonati, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u ta' frodi, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod skorrett u, meta xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 883/2013 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, inkluż verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) huwa kompetenti biex jinvestiga u jressaq każijiet ta' frodi u reati kriminali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹². F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u, kif xieraq, lill-UPPE tal-Awdituri u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L248, 18.9.2013, p. 1).

⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L292, 15.11.96, p. 2).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

¹² Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

- (36) [Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE) XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ir Regolament dwar il-Prestazzjoni] li jistabbilixxi r-regoli għat-traċċar tan-nefqa u l-qafas tal-prestazzjoni għall-baġit, inkluż regoli biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tal-prinċipji "la tagħmilx ħsara sinifikanti" u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri msemmija fl-Artikolu 33(2), il-punti (d) u (f), kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà riflessi fl-Artikoli 17.3, 20.4 u 21.1 tal-Anness I, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 rispettivament u f'konformità mar-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà fl-Annessi I u III tad-Direttiva 2019/882, ir-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, ir-regoli għall-istabbiliment ta' portal tal-finanzjament tal-Unjoni, ir-regoli għall-evalwazzjoni tal-programmi, kif ukoll dispożizzjonijiet orizzontali oħra applikabbli għall-programmi kollha tal-Unjoni bħal dawk dwar l-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà.]
- (36a) Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat permezz tal-Programm Speċifiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill XX inkluż l-attivitajiet ta' riċerka kollaborattiva u innovazzjoni tat-twieqi ta' politika kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-Programm Speċifiku dwar ir-riċerka fil-qasam tad-difiża stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività].
- (37) Skont l-Artikolu 85(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764¹³, persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-oġettivi tal-Programm u għall-arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu jkun marbut il-pajjiż jew it-territorju ekstra-Ewropew rilevanti.
- (38) Il-Programm jissostitwixxi l-programm Orizzont Ewropa stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695. Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2021/695 jenħtieġ li jitħassar.

¹³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1764 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u t-Territorji ekstra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea inkluż ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra (Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni ekstra-Ewropea, inkluż Greenland) (ĠU L 355, 7.10.2021, p. 6–134).

Titolu I

Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-"Programm") [għall-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-"QFP") 2028-2034] u jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni fir-rigward ta' azzjonijiet indiretti permezz tal-Programm u jiddetermina l-qafas li jirregola l-appoġġ tal-Unjoni għall-attivitajiet ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-istess perjodu. Jistabbilixxi wkoll l-oġġettivi tal-Programm, il-baġit tiegħu għal dak il-perjodu, il-forom ta' finanzjament tal-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.
2. [Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz ta':
 - (a) il-Programm Speċifiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill XX, inkluż l-attivitajiet ta' riċerka kollaborattiva u innovazzjoni tat-twieqi ta' politika kif stabbilit fir-Regolament dwar il-Fond Kompetittiv Ewropew.
 - (b) il-Programm Speċifiku dwar ir-riċerka dwar id-difiża stabbilit bir-Regolament (UE) [XXX] [Fond Ewropew għall-Kompetittività].

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-Programm Speċifiku tar-riċerka fid-difiża msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b). L-attivitajiet li għandhom jitwettqu permezz ta' dan il-Programm Speċifiku u li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) [XXX] [Fond Ewropew għall-Kompetittività] għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kompetittività, l-effiċjenza u l-kapaċità tal-innovazzjoni tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea.]
4. It-termini Orizzont Ewropa, "il-Programm" u "Programm Speċifiku" użati f'dan ir-Regolament jirreferu għal kwistjonijiet rilevanti biss għall-Programm Speċifiku msemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a), sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "infrastrutturi tar-riċerka" tfisser faċilitajiet li jipprovdu riżorsi u servizzi għall-komunitajiet tar-riċerka biex iwettqu r-riċerka u jrawmu l-innovazzjoni fl-oqsma tagħhom, inkluż ir-riżorsi umani assoċjati, it-tagħmir maġġuri jew settijiet ta' strumenti; faċilitajiet relatati mal-għarfien bħall-kollezzjonijiet, arkivji jew infrastrutturi tad-data xjentifika; sistemi tal-informatika, netwerks tal-komunikazzjoni u kwalunkwe infrastruttura oħra ta' natura unika u miftuħa għall-utenti esterni, essenzjali biex tinkiseb l-eċċellenza fir-R&I; fejn rilevanti, dawn jistgħu jintużaw għal skopijiet li ma jkunux ta' riċerka, pereżempju għall-forniment ta' servizzi edukattivi jew pubbliċi u jistgħu jkunu "siti uniċi", "virtwali" jew "distribwiti";
- (2) "infrastrutturi tat-teknoloġija" huma faċilitajiet, tagħmir, kapaċitajiet u riżorsi meħtieġa għall-iżvilupp, l-ittestjar, it-titjib u l-validazzjoni tat-teknoloġija — minn servizzi prekompetittivi tar-riċerka applikata sad-dimostrazzjoni u l-validazzjoni, li jippermettu u jaċċelleraw l-innovazzjonijiet teknoloġiċi lejn l-adozzjoni mis-soċjetà/mis-suq, li jrawmu l-kompetittività;
- (3) "mhux bankabbli" tfisser li l-entità legali tkun għadha ma tistax tattira investiment suffiċjenti biex timplimenta bis-sħiħ il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tagħha u tikkompeti internazzjonalment;

- (4) "finanzjament imħallat" tfisser appoġġ finanzjarju pprovdut mill-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni ("EIC") li jikkonsisti f'taħlita ta' għotja u investiment f'ekwità jew forma oħra ta' appoġġ;
- (5) "teknoloġija profonda" tfisser innovazzjoni bil-potenzjal li tipprovdi soluzzjonijiet trasformattivi u li tkun ibbażata fuq avvanzi tal-ogħla livell fix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinerija;
- (6) "Sħubija Ewropea" tfisser inizjattiva, imħejjija bl-involviment minn kmieni tal-Istati Membri, fejn l-Unjoni flimkien mas-sħab privati u/jew pubbliċi jieħdu l-impenn li jappoġġaw b'mod konġunt l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' programm ta' attivitajiet, u fejn il-kostijiet jinqasmu bejn is-sħab kollha;
- (6a) "Sigurtà tar-riċerka" tirreferi għall-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji relatati ma': (a) it-trasferiment mhux mixtieq ta' għarfien kritiku u teknoloġija li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, pereżempju jekk jiġu indirizzati għal skopijiet militari jew ta' intelligence f'pajjiżi terzi; (b) influwenza malizzjuża fuq ir-riċerka fejn ir-riċerka tista' tiġi strumentalizzata permezz ta' jew minn pajjiżi terzi sabiex fost l-oħrajn joħolqu diżinformazzjoni jew jinċitaw l-awtoċensura fost l-istudenti u r-riċerkaturi li jiksru l-libertà akkademika u l-integrità tar-riċerka fl-Unjoni; (c) ksur tal-etika jew tal-integrità, fejn l-għarfien u t-teknoloġiji jintużaw biex irażżnu, jiksru jew jimminaw il-valuri u d-drittijiet fundamentali tal-Unjoni, kif definiti fit-Trattati.
- (7) "aċċess miftuħ" tfisser aċċess online għar-riżultati, ipprovdut mingħajr ħlas;
- (8) "xjenza miftuħa" tfisser approċċ għall-proċess xjentifiku li jinkludi l-kondiviżjoni bikrija u miftuħa tar-riċerka, l-aċċess miftuħ għar-riżultati u l-ġestjoni responsabbli tagħhom, miżuri ta' riproduttibilità, u l-involviment taċ-ċittadini u l-utenti finali fir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (9) "akkwist pre-kummerċjali" jfisser l-akkwist ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp li jinvolvu l-kondiviżjoni tal-benefiċċji tar-riskji taħt il-kundizzjonijiet tas-suq, u żvilupp kompetittiv f'fażijiet, fejn ikun hemm separazzjoni ċara tas-servizzi tar-riċerka u l-iżvilupp akkwistati mill-użu ta' volumi kummerċjali ta' prodotti finali;

- (10) "akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi" tfisser akkwist fejn l-akkwirenti jaġixxu bħala klijenti ta' tnedija ta' prodotti jew servizzi innovattivi li għad ma jkunux disponibbli fuq bażi kummerċjali fuq skala kbira, u jistgħu jinkludu l-ittestjar tal-konformità;
- (11) "sfond" tfisser kwalunkwe data, għarfien jew konozzenza fi kwalunkwe forma jew natura, tanġibbli jew intanġibbli, inkluż kwalunkwe dritt bħal drittijiet ta' proprjetà intellettwali, li tinżamm qabel l-adeżjoni għal azzjoni partikolari u identifikata fi ftehim bil-miktub bħala meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-azzjoni jew għall-valorizzazzjoni tar-riżultati;
- (11a) "disseminazzjoni" tfisser l-iżvelar pubbliku tar-riżultati, għajr dawk li jirriżultaw mill-protezzjoni jew mill-valorizzazzjoni tar-riżultati, inkluż permezz ta' pubblikazzjonijiet xjentifiċi bi kwalunkwe mezz;
- (12) "valorizzazzjoni" tfisser l-użu tar-riżultati f'attivitajiet ulterjuri għajr dawk koperti mill-azzjoni kkonċernata, inkluż l-użu kummerċjali kif ukoll it-trasformazzjoni tar-riżultati fi prodotti, servizzi, politiki, jew soluzzjonijiet soċjetali li jkunu ta' benefiċċju għal firxa usa' ta' partijiet ikkonċernati u għas-soċjetà inġenerali;
- (12a) "kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli" tfisser kundizzjonijiet xierqa, inkluż termini finanzjarji possibbli jew kundizzjonijiet mingħajr royalties, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tat-talba għal aċċess;
- (13) "organizzazzjoni internazzjonali ta' riċerka Ewropea" tfisser organizzazzjoni internazzjonali, li l-maġġoranza tal-membri tagħha jkunu Stati Membri jew pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm, li l-oġettiv prinċipali tagħha huwa li tippromwovi l-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika fl-Ewropa;
- (14) "entitajiet legali bi skop ta' qligħ" tfisser entità legali li skont il-forma legali tagħha jkollha l-iskop li tagħmel il-qligħ jew li jkollha obbligu legali jew statutorju li tqassam il-qligħ lill-azzjonisti jew membri individwali tagħha;

- (15) "intrapriża żgħira jew ta' daqs medju" jew "SME" tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definit fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE¹⁴;
- (16) "kumpanija żgħira b'kapitalizzazzjoni medja" tfisser intrapriża żgħira b'kapitalizzazzjoni medja kif definit fil-punt 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099¹⁵;
- (16a) "programm ta' ħidma" tfisser dokument adottat mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-programm speċifiku f'konformità mal-Artikolu 18 tad-Deċiżjoni XXX jew dokument ekwivalenti fil-kontenut u l-istruttura adottat minn korp ta' finanzjament;
- (17) "riżultati" tfisser kwalunkwe eżitu tanġibbli jew intanġibbli ta' azzjoni speċifika, bħal data, għarfien jew għarfien prattiku, fi kwalunkwe forma jew natura, u kemm jekk jista' jiġi protett kif ukoll jekk le, kif ukoll kwalunkwe dritt u obbligu marbut miegħu, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettuali;
- (18) "azzjoni ta' riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC" tfisser azzjoni ta' riċerka mmexxija minn investigatur prinċipali, li tkun ospitata minn benefiċjarju wieħed jew aktar li jirċievu finanzjament mill-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC);
- (18a) "azzjoni ta' riċerka u innovazzjoni" tfisser azzjoni li għandha l-għan li tistabbilixxi għarfien ġdid jew li tesplora l-fattibbiltà ta' teknoloġija, prodott, proċess, servizz jew soluzzjoni li jkunu ġodda jew imtejba. Dan jista' jinkludi r-riċerka bażika u applikata, l-iżvilupp u l-integrazzjoni tat-teknoloġija;
- (19) "azzjoni ta' riċerka u taħriġ" tfisser azzjoni maħsuba biex ittejjeb il-ħiliet, l-għarfien u l-prospetti tal-karriera tar-riċerkaturi, li tippromwovi l-mobbiltà bejn il-pajjiżi, is-setturi jew id-dixxiplini bħal dak taħt il-komponent tal-"Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie";

¹⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

¹⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1099 tal-21 ta' Mejju 2025 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (ĠU L, 28.5.2025, p. 1).

- (20) "azzjoni ta' koordinazzjoni u appoġġ" tfisser azzjoni li tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-Programm, esklużi l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni (R&I), ħlief meta titwettaq bil-komponent "twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza" tal-parti IV "Żona Ewropea tar-Riċerka"; u koordinazzjoni minn isfel għal fuq mingħajr kofinanzjament ta' attivitajiet ta' riċerka mill-Unjoni li tippermetti l-kooperazzjoni bejn entitajiet ġuridiċi mill-Istati Membri u pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm sabiex tissaħħaħ iż-ŻER;
- (21) "azzjonijiet indiretti" tfisser attivitajiet relatati mar-R&I li l-Unjoni tipprovdi lhom appoġġ finanzjarju u li jitwettqu mill-parteċipanti;
- (22) "azzjonijiet diretti" tfisser attivitajiet relatati mar-R&I mwettqa mill-Kummissjoni permezz tal-JRC tagħha;
- (23) "ekosistema tal-innovazzjoni" tfisser ekosistema li tiġbor flimkien organizzazzjonijiet li l-għan funzjonali tagħhom huwa li jiffaċilitaw ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni tat-teknoloġija u li tinkludi relazzjonijiet bejn riżorsi materjali (bħal fondi, tagħmir u faċilitajiet, fosthom infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija), entitajiet istituzzjonali (bħal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni oġġla u servizzi ta' appoġġ, organizzazzjonijiet tar-riċerka u tat-teknoloġija, kumpaniji, investituri - fosthom kapitalisti ta' riskju - u intermedjarji finanzjarji) u entitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali ta' tfassil ta' politika u ta' finanzjament.
- (24) "triangolu tal-għarfien" tfisser networks bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u n-negozju bl-għan li jappoġġaw ir-riċerka u l-ekosistemi tal-innovazzjoni li jieħdu ħsieb l-iżvilupp ta' perkors tal-innovazzjoni mill-bidu tal-innovazzjoni, l-edukazzjoni intraprenditorjali sal-ħolqien ta' start-ups u t-tkabbir ta' scale-ups.

Objettivi tal-Programm

1. Il-Programm għandu jsaħħaħ il-bażijiet xjentifiċi u teknoloġiċi tal-UE, permezz ta' riċerka u innovazzjoni eċċellenti bbażati fuq kompetizzjoni miftuħa, u b'hekk jappoġġa l-prosperità, il-kompetittività, is-sovranià u r-reżiljenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, iwassal impatt xjentifiku, teknoloġiku, ekonomiku u soċjetali, u jindirizza l-isfidi Ewropej u dawk globali, f'sinerġija mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività
2. L-objettivi speċifiċi tal-Programm huma li:
 - Jiżviluppa, jippromwovi u javvanza l-eċċellenza xjentifika u teknoloġika biex jiġu appoġġati l-ħolqien u t-tixrid ta' għarfien, ħiliet, teknoloġiji u soluzzjonijiet ta' kwalità għolja u innovattivi.
 - Jappoġġa t-twettiq taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u l-Patt taż-ŻER għar-riċerka u l-innovazzjoni, u l-kontribuzzjoni għall-allinjament tal-politiki, il-prijoritajiet u l-investimenti tal-UE, nazzjonali u reġjonali, biex tinħoloq ekosistema pan-Ewropea tar-riċerka u l-innovazzjoni.
 - Jappoġġa t-taħriġ u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, biex jiġi attirat u jinżamm it-talent fil-livelli kollha u jrawwem karrieri attraenti fir-riċerka u jinkoraġġixxi ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u jiġġielel l-eżodu ta' mħuħ.
 - Iżid ir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi fl-UE kollha, il-kondiviżjoni u l-valorizzazzjoni tal-għarfien, filwaqt li jqis kif xieraq ir-riskji relatati mas-sigurtà tar-riċerka.
 - Jippromwovi kooperazzjoni internazzjonali miftuħa u sigura fir-riċerka u l-innovazzjoni.
 - Inaqas id-disparitajiet nazzjonali u reġjonali fil-kapaċità tar-riċerka u l-innovazzjoni u fil-ħiliet billi jissaħħu l-ekosistemi tar-riċerka u tal-innovazzjoni.

- Itejjeb il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, b'enfasi speċifika fuq it-teknoloġiji strateġiċi u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, il-faċilitazzjoni tat-tixrid ta' soluzzjonijiet innovattivi biex titrawwem il-kompetittività u jiġu indirizzati l-isfidi Ewropej u dawk soċjetali globali.
 - Inaqas ir-riskji u jimmobilizza aktar finanzjament privat għar-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari għall-appoġġ tat-teknoloġija profonda u l-espansjoni ta' start-ups u SMEs innovattivi.
 - Isaħħaħ l-investiment pubbliku u privat fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-Istati Membri, u hekk jikkontribwixxi biex tintlaħaq nefqa globali ta' mill-inqas 3 % tal-Prodott Domestiku Gross ("PDG") tal-Unjoni fir-riċerka u l-iżvilupp.
- 2a. L-oġġettivi speċifiċi tal-Programm Speċifiku msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament huma li tissaħħaħ il-kompetittività, l-effiċjenza u r-reżiljenza tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea billi jappoġġa azzjonijiet kollaborattivi ta' riċerka u żvilupp, irawwem l-innovazzjoni u t-tmexxija teknoloġika.

Artikolu 4

Struttura tal-Programm

1. [Għall-finijiet tal-Programm Speċifiku msemmi fl-Artikolu 1(2), il-Programm għandu jkun strutturat f'partijiet kif ġej, li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 u fit-twieqi ta' politika tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività]]:
 - (a) il-Pilastru I "Xjenza Eċċellenti", bil-komponenti li ġejjin:
 - (i) il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC);
 - (ii) l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA).
 - (iii) iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).

(b) il-Pilastru II "Kompetittività u Soċjetà", bil-komponenti li ġejjin:

- i) "Kompetittività", fosthom attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni li jikkontribwixxu għall-oġġettivi u l-attivitajiet speċifiċi tat-twieqi ta' politika skont il-Fond Ewropew għall-Kompetittività:
 - (1) attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu IV "Tranżizzjoni Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;
 - (2) attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu V "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoeconomija" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;
 - (3) attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VI "Tmexxija Diġitali" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;
 - (4) attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VII "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u l-Ispazju" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.
- ii) "Soċjetà", fosthom attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni mmirati biex jiggwidaw l-isfidi u t-trasformazzjoni soċjetali u kulturali, kif ukoll jappoġġaw it-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza għal soċjetajiet reżiljenti u orjentati lejn il-futur.

(c) il-Pilastru III "Innovazzjoni", bil-komponenti li ġejjin:

- (i) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC);
- (ii) ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni, fosthom attivitajiet li jrawmu l-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien - l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju - madwar l-Unjoni.

(d) il-Pilastru IV "Żona Ewropea tar-Riċerka", bil-komponenti li ġejjin:

- (i) Żona Ewropea tar-Riċerka;
- (ii) l-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija;
- (iii) it-twessigħ tal-parteciġazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza.

Artikolu 5

Prinċipji orizzontali

Il-Programm għandu:

- (a) jiżgura approċċ multidixxiplinari, fejn xieraq, u jipprevedi l-integrazzjoni tax-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi (SSH) fil-Programm kollu. Il-Programm għandu jinkludi seġhiet speċifiċi għal proposti li jindirizzaw suġġetti relatati mal-SSH.
- (b) javvanza l-għarfien xjentifiku u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' politiki pubbliċi infurmati, effettivi u reattivi madwar l-Unjoni u lil hinn minnha.
- (ba) ikopri l-katina tal-valur tar-riċerka u l-innovazzjoni u jippermetti interfaċċa b'saħħitha mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività biex irawwem l-adozzjoni u l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni.
- (c) jinkoraġġixxi prattiki tax-xjenza miftuħa, fosthom billi jiġi żgurat aċċess miftuħ għal pubblikazzjonijiet xjentifiċi rieżaminati bejn il-pari rigward ir-riżultati, kif ukoll aċċess miftuħ għad-data tar-riċerka u riżultati oħra skont il-prinċipju "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ" u f'konformità mal-prinċipji FAIR, kif ukoll bl-espansjoni u l-konsolidazzjoni tal-Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa bħala l-ispazju komuni Ewropew tad-data għar-riċerka.
- (ca) jippromwovi u jippermetti l-iskala ta' kollaborazzjoni wiesgħa u diversifikata madwar l-Unjoni, inkluż fost ir-riċerkaturi, l-innovaturi u n-negozji Ewropej, sabiex jikkontribwixxi għal rabtiet ta' interkonnessjoni u kollaborattivi aktar b'saħħithom bejn l-ekosistemi nazzjonali u ta' innovazzjoni, waqt li jkompli jibni fuq ir-riżerva pan-Ewropea ta' talent u kapaciċajiet, jistimola ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u jlaqqa' eċċellenza stabbilita ma' dik emerġenti.

- (caa) isegwu approċċ ta' użu doppju mid-disinn permezz ta' sejħiet iddedikati mmirati esklużivament lejn teknoloġiji b'użu doppju, filwaqt li f'sejħiet miftuħa, l-attivitajiet b'użu doppju jistgħu jiġu appoġġati wkoll.
- (cb) jiddefendi s-sigurtà tar-riċerka billi jantiċipa u jimmaniġġja riskji bħat-trasferiment mhux mixtieq ta' teknoloġija, riżultati u għarfien kritiċi, influwenza malizzjuża fuq ir-riċerka, u ksur tal-etika jew tal-integrità;
- (cc) jiżgura s-simplifikazzjoni amministrattiva u t-tnaqqis tal-piż għall-benefiċċju tal-applikanti u l-benefiċjarji;
- (cca) jiżgura li l-proposti jiġu evalwati abbażi ta' rieżami professjonali kompetenti, trasparenti u newtrali, filwaqt li jissalvagwarda l-istandards għoljin u l-kwalità tas-sistema ta' evalwazzjoni, u jiżgura l-effiċjenza u l-prattikabbiltà;
- (cd) jappoġġa l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għall-partijiet ikkonċernati kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Unjoni;
- (ce) jiżgura l-implimentazzjoni prestabbilita tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, fosthom l-integrazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneru fil-kontenut tar-R&I matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tar-riċerka;
- (cf) jiżgura sinerġiji strateġiċi bejn il-Pilastri u l-komponenti tagħhom;
- (cg) jiġi implimentat f'sinerġija ma' Programmi oħra tal-Unjoni, u fejn rilevanti ma' programmi nazzjonali u reġjonali, filwaqt li tiġi żgurata s-simplifikazzjoni amministrattiva.
- (ch) jiffaċilita l-parteċipazzjoni tat-tipi kollha ta' partijiet ikkonċernati, speċjalment parteċipanti ġodda u gruppi fil-mira ġodda fil-Programm, b'mod partikolari permezz tal-NCPs, li jistgħu jinteraġixxu ma' strutturi ta' appoġġ rilevanti taħtfil-qafas ta' programmi oħra tal-Unjoni.

[Artikolu 6

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju indikattiv tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034 għandu jkun ta' EUR 175 002 000 000 fi prezzijiet attwali.

2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-Programm Speċifiku msemmi fl-Artikolu 1(2)(a), għandha tkun:
- (a) EUR 44 079 000 000 għall-Parti I "Xjenza Eċċellenti", li minnhom EUR 2 600 000 000 għal azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).
 - (b) EUR 75 876 000 000 għall-Parti II "Kompetittività u Soċjetà", li minnhom:
 - i. EUR 68 270 000 000 għal "Kompetittività" li minnhom:

EUR 25 331 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu IV "Tranżizzjoni Nadifa u Dekarbonizzazzjoni Industrijali" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

EUR 19 650 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu V "Saħħa, Bijoteknoloġija, Agrikoltura u Bijoeconomija" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

EUR 16 854 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VI "Tmexxija Diġitali" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività;

EUR 6 435 000 000 għal attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni skont il-Kapitolu VII "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u l-Ispazju" tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività.
 - ii. EUR 7 606 000 000 għal "Soċjetà".
 - (c) EUR 38 785 000 000 għall-Parti III "Innovazzjoni".
 - (d) EUR 16 262 000 000 għall-Parti IV "Żona Ewropea tar-Riċerka", li minnhom EUR 5 387 000 000 għat-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-ammonti tar-riżorsi addizzjonali msemija fl-Artikolu 7 jistgħu jintużaw ukoll għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, tal-monitoraġġ, tal-kontroll, tal-awditjar u tal-evalwazzjoni, sistemi u pjattaformi tat-teknoloġija tal-informatika, attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluż komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, u kull assistenza teknika u amministrattiva oħra jew spejjeż relatati mal-persunal imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Programm.
4. Jekk ikun meħtieġ għall-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2034, l-appropriazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit tal-Unjoni ta' wara l-2034 biex ikopru l-ispejjeż meħtieġa u biex jippermettu l-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sa tmiem il-Programm.
5. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu lil hinn minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fi ħlasijiet parzjali annwali fuq diversi snin.]

Artikolu 7

Riżorsi addizzjonali

1. L-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew partijiet terzi oħra, jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji jew mhux finanzjarji addizzjonali għall-Programm. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2), il-punti (a), (d), jew (e) jew l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

2. Ir-riżorsi allokatati lill-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża jistgħu, fuq it-talba tagħhom, jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Programm. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament jew indirettament f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (a) jew (c) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Dawn għandhom jiżdiedu mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk il-Kummissjoni ma tkunx għamlet impenn legali b'ġestjoni diretta jew indiretta biex il-Programm ikollu ammonti addizzjonali disponibbli b'dan il-mod, l-ammonti mhux impenjati korrispondenti jistgħu, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, jiġu ttrasferiti lura lejn il-programm sors rispettiv wieħed jew aktar.

Artikolu 8

Finanzjament alternattiv, ikkombinat u kumulattiv

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni. Anki azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni tal-Unjoni minn programm ieħor tista' tirċievi kontribuzzjoni minn dan il-Programm. Ir-regoli tal-programm rilevanti tal-Unjoni għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti, jew inkella jista' jiġi applikat sett uniku ta' regoli għall-kontribuzzjonijiet kollha u jista' jiġi konkluż impenn legali wieħed. Jekk il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ibbażata fuq il-kostijiet eliġibbli, l-appoġġ kumulattiv mill-baġit tal-Unjoni ma għandux jaqbeż it-total tal-kostijiet eliġibbli tal-azzjoni u jista' jiġi kkalkulat bi pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. Il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni fil-qafas tal-Programm jistgħu jitwettqu b'mod konġunt b'ġestjoni diretta jew indiretta mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, jew partijiet terzi oħra, dment li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Tali proċeduri għandhom ikunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli u jwasslu għall-konklużjoni ta' impenn legali wieħed. Għal dak l-għan, is-sħab fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jagħmlu riżorsi disponibbli għall-Programm f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, jew is-sħab jistgħu jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-proċedura ta' aġġudikazzjoni, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni konġunti, ir-rappreżentanti tas-sħab fil-proċedura ta' aġġudikazzjoni konġunta jistgħu jkunu wkoll membri tal-kumitat tal-evalwazzjoni msemmi fl-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
3. Jista' jingħata Siġill ta' Eċċellenza għal proposti li jirriżultaw minn sejħiet speċifikati fil-programm ta' ħidma, u li għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti taħt il-Programm; u li
 - (b) ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi ta' kwalità ta' dik is-sejħa għal proposti; u li
 - (c) ma jkunux ġew iffinanzjati taħt dik is-sejħa għall-proposti minħabba biss restrizzjonijiet baġitarji.
4. L-azzjonijiet li għalihom ikun ingħata siġill jistgħu jiġu ffinanzjati minn finanzjament ieħor tal-Unjoni jew mill-Istati Membri.

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm

1. Il-Programm jista' jinfetħ għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi li ġejjin permezz ta' assoċjazzjoni sħiħa jew parzjali mal-Programm, f'konformità mal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 u applikabbli għal:
 - (a) membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ukoll mikrostati Ewropej (Andorra, Monaco, San Marino u l-Belt tal-Vatikan), f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti;
 - (b) pajjiżi aderenti, pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi, fil-protokoll u fid-deċizzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew arranġamenti simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u daww il-pajjiżi;
 - (c) pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' daww il-pajjiżi fil-programmi tal-Unjoni stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi, fil-protokoll u fid-deċizzjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew f'arranġamenti simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn l-Unjoni u daww il-pajjiżi;
 - (d) pajjiżi terzi oħra, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim internazzjonali speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi fi kwalunkwe programm tal-Unjoni.
2. Il-ftehimiet għall-parteċipazzjoni fil-Programm imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom:
 - (a) jiżguraw bilanċ ġust bejn il-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi li jkun qed jipparteċipa fil-Programm;

- (b) jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-Programm, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji, li jikkonsistu f'kontribuzzjoni operazzjonali u miżata għall-parteċipazzjoni, għall-Programm u l-kostijiet amministrattivi ġenerali tiegħu;
 - (c) ma jagħtux lill-pajjiż terz xi setgħa ta' teħid ta' deċizzjonijiet fil-Programm;
 - (d) jiggarrantixxu d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tħares l-interessi finanzjarji tagħha.
 - (e) fejn rilevanti, jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-punt (d), il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa skont ir-Regolamenti (UE, Euratom) 2024/2509 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, u jiggarrantixxi li d-deċizzjonijiet li jimponu obbligu pekunarju fuq persuni minbarra Stati fis-sens tal-Artikolu 299 TFUE, kif ukoll is-sentenzi u l-ordnijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ikunu infurzabbli.
4. Għall-fini tal-paragrafu 1, il-punt (d), l-assoċjazzjoni jew l-assoċjazzjoni parzjali ma' pajjiżi terzi oħra għandha tkun possibbli biss jekk dawn ikunu jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:
- (a) kapaċità tajba fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni;
 - (b) impenn lejn ekonomija tas-suq miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, inkluż trattament ġust u ekwu tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, appoġġati minn istituzzjonijiet demokratiċi;
 - (c) promozzjoni attiva ta' politiki li jtejbu l-benesseri ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini.

5. L-ambitu tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiż terz mal-Programm għandu jqis ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-konformità mad-dritt rilevanti tal-Unjoni u dak internazzjonali, u janalizza l-ordni pubblika u s-sigurtà f'oqsma ta' politika rilevanti, inkluż is-sigurtà ekonomika u tar-riċerka, kif ukoll il-benefiċċji u l-oġettivi uża' li jixprunaw it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività tal-Unjoni permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni. Għaldaqstant, bl-eċċezzjoni tal-membri taż-ŻEE, il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali, il-pajjiżi terzi jistgħu jiġu esklużi minn partijiet tal-Programm f'konformità ma' dan ir-Regolament jew il-ftehim ta' assoċjazzjoni nnifsu.
6. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-Programm, għandu, sa fejn ikun possibbli, jipprevedi l-parteċipazzjoni reċiproka ta' entitajiet legali stabbiliti fl-Unjoni fi programmi ekwivalenti tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-programmi.
7. Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji msemija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jiżguraw korrezzjoni awtomatika regolari ta' kwalunkwe żbilanċ sinifikanti meta mqabbel mal-ammont li l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat jirċievu permezz tal-parteċipazzjoni fil-Programm, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-ġestjoni, l-eżekuzzjoni u l-operat tal-Programm. L-allokazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandhom jieħdu kont tal-livell ta' parteċipazzjoni tal-entitajiet legali tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm f'kull parti tal-Programm.
- 7a. Il-Kummissjoni għandha, f'konformità mal-informazzjoni pprovduta permezz tal-proċedura baġitarja annwali, tipprovi lill-Kumitat tal-Programm b'informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm u l-allokazzjonijiet tagħhom għall-komponenti differenti tal-Programm.

Implimentazzjoni u forom tal-finanzjament tal-Unjoni

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'għestjoni diretta jew b'għestjoni indiretta ma' korpi msemmija fl-Artikolu 62(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament.
2. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata fi kwalunkwe forma permezz ta' proċeduri ta' aġġudikazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, b'mod partikolari permezz ta' għotjiet, premjijiet, akkwist, donazzjonijiet mhux finanzjarji, u strumenti finanzjarji. L-għotjiet għandhom ikunu l-forma ewlenija ta' appoġġ fil-Programm.
3. [Bl-eċċezzjoni tal-istrumenti finanzjarji tal-EIC (Fond) fejn l-appoġġ tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' garanzija baġitarja jew strument finanzjarju, inkluż meta kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli f'operazzjoni ta' taħlit, dan għandu jiġi pprovdut esklużivament permezz tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u implimentat f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Istrument InvestEU tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività permezz tal-ftehimiet ta' kontribuzzjoni jew ta' garanzija konklużi għal dak l-għan. Meta l-Programm juża l-Istrument InvestEU tal-FEK, dan għandu jipprovdi l-proviżjonament għall-garanzija baġitarja u l-finanzjament għall-istrumenti finanzjarji, inkluż meta jiġi kkombinat ma' appoġġ mhux ripagabbli fil-forma ta' operazzjoni ta' taħlit.]
4. Meta l-finanzjament tal-Unjoni jingħata fil-forma ta' għotja, il-finanzjament jista' jingħata, meta rilevanti, bħala finanzjament mhux marbut mal-kost, jew bħala għażliet ta' kostijiet issimplifikati b'mod partikolari permezz ta' somom f'daqqa kif ukoll bħala kostijiet unitarji għal persunal, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-finanzjament jista' jingħata fil-forma ta' rimborż reali tal-kostijiet eliġibbli minħabba karatteristiċi jew objettivi speċifiċi ta' azzjoni. Meta jkun meħtieġ li jiġu ffaċilitati sorsi oħra ta' finanzjament fosthom koinvestimenti ma' riżorsi nazzjonali soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, il-finanzjament għandu jiġi pprovdut fil-forma ta' rimborż reali tal-kostijiet eliġibbli jew ta' għażliet ta' kostijiet issimplifikati.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 153(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kumitat tal-evalwazzjoni għandu jkun magħmul kompletament jew f'każijiet debitament ġustifikati, parti minnu, minn esperti esterni indipendenti. Fil-każ ta' azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ, il-kumitat tal-evalwazzjoni jista', f'każijiet debitament ġustifikati, ikun magħmul kompletament minn rappreżentanti ta' istituzzjonijiet jew korpi tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 153 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 11

Sħubijiet Ewropej

1. Fejn meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, l-attivitajiet skont dan ir-Regolament jistgħu jiġu implimentati b'mod trasparenti permezz ta' Sħubijiet Ewropej. Tali sħubijiet għandhom jiġu stabbiliti biss f'każijiet fejn l-azzjoni tal-Unjoni waħedha ma tkunx tista' tilħaq l-oġġettivi mixtieqa u fejn tkun meħtieġa kollaborazzjoni msaħħa bejn l-UE u sħab oħra, fosthom atturi nazzjonali, reġjonali u/jew privati. L-oqsma għas-sħubijiet Ewropej ser jiġu ddefiniti abbażi tal-gwida mogħtija fil-Kunsill jew, meta xieraq, mill-korpi konsultattivi tiegħu. Għandha tiġi żgurata l-koerenza u, fejn xieraq, għandhom jiġu mfittxija sinerġiji ma' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Kompetittività.
- 1a. Is-Shubijiet Ewropej għandhom:
- (a) ikunu bbażati fuq Memorandum ta' Qbil u kkomplementati, f'każ ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji minn sħab għajr l-Unjoni, b'arranġament kuntrattwali bejn l-Unjoni u s-sħab. Dawn is-Sħubijiet ser jiġu implimentati permezz ta' azzjonijiet fil-programmi ta' ħidma rilevanti ta' Orizzont Ewropa u/jew tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività; jew

- (b) f'każijiet debitament ġustifikati, jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja minn programm ta' finanzjament tal-Unjoni wieħed jew aktar lil korpi stabbiliti skont l-Artikoli 185 jew 187 TFUE, f'konformità mal-Artikolu 62(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Il-korpi skont l-Artikolu 187 TFUE għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' Att Uniku ta' Stabbiliment li jiżgura regoli armonizzati. Is-sħubijiet skont l-Artikolu 185 TFUE għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' Atti ddedikati.

2. Għal kull sħubija, il-Memorandum ta' Qbil ikkomplementat minn arranġament kuntrattwali fil-każ ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji minn sħab għajr l-Unjoni, jew l-Att ta' Stabbiliment għandu jistipula:

- (-a) l-oġġettivi u l-istadji importanti li għandhom jintlaħqu;
- (a) ir-riżultati li għandhom jingħataw, li għandhom ikunu ċari, jistgħu jitkejlu u marbuta biż-żmien;
- (b) sett uniku ta' rekwiżiti ta' rappurtar u monitoraġġ, fosthom indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-impatt;
- (c) l-impenji finanzjarji u/jew in natura relatati mis-sħab kollha;
- (d) arranġamenti ta' governanza b'mekkaniżmu għas-sħab kollha biex jiddiskutu u jaqblu dwar l-ipprogrammar u l-attivitajiet tas-sħubijiet, inkluż id-dispożizzjonijiet li jiżguraw id-drittijiet tal-vot tagħhom u r-rappreżentanza adegwata tagħhom;
- (da) Aġenda Strateġika ta' Riċerka u ta' Innovazzjoni (SRIA) maqbula bejn is-sħab, li tagħti dettalji dwar il-prijoritajiet tematiċi u l-impatti xjentifiċi u soċjoekonomiċi mistennija, kif ukoll pjan direzzjonali tal-attivitajiet u l-istadji importanti ppjanati matul id-durata tas-sħubija. Meta s-sħubijiet jiżviluppaw attivitajiet u perkorsi ta' varar fis-suq, il-SRIA għandha tinkludi aġenda ta' varar miftiehma bejn is-sħab.

- 3a. Għas-Sħubijiet Ewropej stabbiliti skont il-paragrafu 1a(a), l-appoġġ tal-Unjoni għandu jieħdu l-forma ta' kontribuzzjonijiet għal azzjonijiet implimentati fil-qafas ta' Orizzont Ewropa għal attivitajiet ta' R&I. L-għan ta' dawn il-kontribuzzjonijiet għandu jkun li jingranaw il-kontribuzzjoni massima minn sħab oħra. Programmi oħra tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni.
- 3aa. Għas-sħubijiet Ewropej stabbiliti skont il-paragrafu 1a(b), l-Unjoni għandha tipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja minn Orizzont Ewropa għall-attivitajiet tar-R & I. Programmi oħra tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet oħra, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività għall-attivitajiet ta' implimentazzjoni. Il-kontribuzzjoni globali mill-Unjoni u s-sħab għajr l-Unjoni għandha tkun taqbel. L-Att Bażiku Uniku għall-Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 TFUE u l-Att tal-Istabiliment rilevanti għall-inizjattivi skont l-Artikolu 185 TFUE għandhom jispeċifikaw ir-regoli dettaljati għall-kontribuzzjoni tas-sħab kollha.
- 3b. Il-kontribuzzjonijiet mis-sħab għajr l-Unjoni għandhom jieħdu l-forom li ġejjin:
- (a) kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-baġit operazzjonali u amministrattiv tal-inizjattiva, inkluż il-finanzjament mill-Istati Membri tal-parteċipanti stabbiliti fl-Istat Membru rispettiv fl-azzjonijiet taħt l-inizjattiva;
 - (b) kontribuzzjonijiet in natura biex jiffinanzjaw il-kostijiet tal-parteċipazzjoni tal-proġett tagħhom stess taħt l-inizjattiva.
- 3ba. L-awtorità tal-ġoti rilevanti tal-Unjoni jew korpi oħra fdati bl-implimentazzjoni tal-baġit għandhom jimmaniġġaw proċeduri uniċi ta' aġġudikazzjoni inkluż dawk ta' sejħa, valutazzjoni, għażla u monitoraġġ, waqt li jiżguraw is-simplifikazzjoni u t-trasparenza. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mar-regoli u l-proċeduri nazzjonali applikabbli, waqt li jiżguraw is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni armonizzata.

5. Is-Shubijiet Ewropej għandhom:

- (-a) jiġu identifikati u maqbula f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u, fejn adatt, f'konsultazzjoni mas-settur privat.
- (b) jiġu stabbiliti bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi li jeħtieġu massa kritika ta' riżorsi u approċċ unifikat u kkoordinat, kemm f'termini ta' programmazzjoni kif ukoll f'termini ta' implimentazzjoni, fost l-atturi.
- (ba) jiġu stabbiliti biss f'każijiet meta l-azzjoni tal-Unjoni waħedha jew forom oħra ta' appoġġ skont il-Programm ma jkunux jistgħu jilħqu l-oġettivi mixtieqa.
- (c) jallinjaw mal-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni u jassistu fl-implimentazzjoni ta' politiki u inizjattivi ta' politika ewlenin tal-Unjoni li huma komplementari għal dawk tal-Istati Membri.
- (d) jintgħażlu fi proċess trasparenti, miftuħ u kompetittiv ibbażat fuq sett ta' kriterji kwantifikabbli taċ-ċiklu tal-ħajja u approċċ ta' portafoll b'saħħtu, li jirriżulta f'portafoll koerenti u komplementari ta' għadd limitat ta' Sħubijiet Ewropej.
- (e) ikunu bbażati fuq impenji indikattivi ex ante u fit-tul, u sussegwentement fuq impenji formali mis-sħab kollha sabiex jikkontribwixxu finanzjarjament jew, meta xieraq, in natura għar-riżorsi tas-Sħubija Ewropea b'mod li jitrawmu l-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-implimentazzjoni.
- (ea) jiżguraw il-ftuħ kontinwu tagħhom għal sħab ta' kull tip u ta' kull daqs tul il-katina kollha tal-valur u d-dixxiplini kollha.
- (f) jirrikjedu approċċ ċar taċ-ċiklu tal-ħajja, inkluż pjan bil-quddiem għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva bi strateġija għat-tneħħija gradwali mill-finanzjament tal-Unjoni.
- (fa) ifittxu sinerġiji ma' strumenti oħra ta' finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-FEK, sabiex jiġu evitati s-sovrapożizzjonijiet u d-duplikazzjonijiet u minflok jiġi żgurat valur miżjud u jiġi massimizzat l-impatt.

- 5a. Massimu [X %] tal-baġit fil-Pilastru II għandu jiġi allokat lis-Sħubijiet Ewropej.
7. Is-Sħab kollha għajr l-Unjoni għandhom jippubblikaw informazzjoni dwar l-istruttura, is-sħubija u l-attivitajiet żviluppati fis-sħubija. F'każijiet fejn jiġu konklużi sħubijiet ma' organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet rappreżentattivi, dawn għandhom jinkludu informazzjoni regolari dwar is-sħubija tagħhom.

Kapitolu II

Xjenza Eċċellenti

Artikolu 12

Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka

1. Il-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għandu jipprovdi finanzjament attraenti u flessibbli biex jippermetti lir-riċerkaturi individwali ta' talent u kreattivi, b'enfasi fuq ir-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera, u t-timijiet tagħhom, isegwu l-perkorsi l-aktar promettenti fil-fruntieri tax-xjenza, irrispettivament min-nazzjonalità u l-pajjiż ta' oriġini tagħhom u fuq il-bażi ta' kompetizzjoni mifruxa mal-Unjoni kollha bbażata biss fuq il-kriterju ta' eċċellenza.
2. L-ERC għandu jattira l-aktar riċerkaturi b'talent mid-dinja kollha u b'hekk jikkontribwixxi biex l-Unjoni tiġi stabbilita bħala ċentru ewlieni fid-dinja għar-riċerka u l-innovazzjoni.

Artikolu 13

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie

1. L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie għandhom jippromwovu u jappoġġaw il-karriera fir-riċerka fl-istadji kollha, b'enfasi partikolari fuq ir-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera, l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-mobbiltà tar-riċerkaturi mid-dinja kollha, filwaqt li joffru wkoll possibbiltajiet ta' skambju lill-persunal tar-riċerka soġġett għal kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà. Il-MSCA għandhom irawmu l-eċċellenza fir-riċerka minn isfel għal fuq, jattiraw u jżommu t-talenti eċċellenti fir-riċerka, u jappoġġaw karrieri sostenibbli u attraenti fir-riċerka fl-Unjoni bl-għan li tiżdied l-eċċellenza xjentifika tal-Unjoni, b'hekk jikkontribwixxu għall-kompetittività fir-riċerka u l-innovazzjoni.

2. Il-MSCA għandhom jiffinanzjaw networks ta' dottorat eċċellenti, fellowships postdottorali, skambji tal-persunal tar-R&I, kif ukoll mekkaniżmi ta' appoġġ biex jiġrawmu karrieri sostenibbli bil-ħsieb li jiġu attirati u miżmuma t-talenti l-aktar promettenti. Għandha ssir enfasi qawwija fuq il-kooperazzjoni internazzjonali, intersettorjali u interdixxiplinari kif ukoll fuq l-outreach xjentifiku. Il-finanzjament għandu jappoġġa r-riċerka mill-aktar avvanzata u jiffoka fuq l-iżvilupp ta' talent fir-riċerka, b'appoġġ immirat għar-riċerkaturi fi stadju bikri tal-karriera. Għandu jikkontribwixxi biex l-Unjoni tiġi stabbilita bħala destinazzjoni ewlenija għar-riċerkaturi Ewropej u dawk barranin.

Artikolu 14

Iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka

1. Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka għandu jipprovdi għarfien u xjenza indipendenti u bbażati fuq l-evidenza, filwaqt li jappoġġa l-politiki tal-UE u fejn rilevanti, lill-Istati Membri biex iħallu impatt pożittiv fuq is-soċjetà. Dan għandu jsir permezz ta' azzjonijiet diretti tal-JRC u permezz tal-parteeċipazzjoni tal-JRC f'azzjonijiet indiretti. Il-Kapitolu II tat-Titolu II ma għandux japplika għal azzjonijiet diretti. [B'deroga mill-Artikolu 21(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, id-dħul jew l-ammonti li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' riċerka tal-JRC (eż. privattivi, liċenzji, eċċ.) għandhom ikunu jistgħu jerġgħu jintużaw mill-JRC.]

Kapitolu III

Kompetittività u Soċjetà

Artikolu 15

Riċerka u innovazzjoni kollaborattivi

1. Ir-riċerka u l-innovazzjoni kollaborattivi għandhom jappoġġaw il-ħolqien ta' attivitajiet ta' riċerka u ta' innovazzjoni tranżnazzjonali eċċellenti, li jlaqqgħu flimkien entitajiet minn setturi u dixxiplini differenti, fosthom l-SSH, biex jappoġġaw l-iskoperta, l-iżvilupp u d-diffużjoni rapida ta' riżultati ta' kwalità għolja favur il-prijoritajiet u l-valuri strateġiċi tal-Unjoni.

2. L-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni għandhom jitwettqu b'mod ibbilanċjat bejn Livelli ta' Tħejjija Teknoloġika aktar baxxi u ogħla, u b'hekk ikopru l-katina tal-valur kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni komplementari għall-attivitajiet fil-qafas tal-FEK.
- 2a. L-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni għandhom jiżguraw approċċ ibbilanċjat bejn azzjonijiet minn isfel għal fuq u suġġetti predefiniti minn oqsma strateġiċi biex fl-istess ħin irawmu l-kreattività u jidderieġu r-riċerka u l-innovazzjoni. Id-deskrizzjonijiet tas-suġġetti għandhom ikunu sempliċi u jartikolaw b'mod ċar l-eżiti u l-impatti mistennija filwaqt li jevitaw dettall eċċessiv dwar metodoloġiji speċifiċi, u b'hekk jippromwovu proċess miftuħ u kompetittiv u l-applikanti jingħataw aktar libertà biex jiddefinixxu l-perkorsi differenti tagħhom biex jilhqqu l-oġettivi rilevanti tar-R&I.
3. Fil-qafas tal-komponent tal- "kompetittività" tal-Pilastru II, dan il-Programm jappoġġa attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni tat-twieqi ta' politika tal-FEK li għandhom l-għan li jsaħħu l-kompetittività tal-Unjoni (il-Kapitoli IV sa VII tar-Regolament (UE) XXX Fond Ewropew għall-Kompetittività).
- 3a. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni fil-qafas tal-komponent tal-kompetittività tal-pilastru II f'parti ddedikata speċifika tal-programmi ta' ħidma adottati skont l-Artikolu 15 (1a) [FEK].
4. Skont il-komponent tas-"soċjetà" tal-Pilastru II, dan il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni, mhux koperti mill- "komponent tal-kompetittività", li għandhom l-għan li jwasslu soluzzjonijiet innovattivi u jsaħħu l-bażi ta' evidenza biex is-soċjetà tkun tista' tittrasforma ruħha f'konformità mal-għanijiet u l-valuri tal-Unjoni, inkluż l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali.
- 4a. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-attivitajiet kollaborattivi ta' riċerka u ta' innovazzjoni taħt il-komponent tas-soċjetà tal-pilastru II fil-programmi ta' ħidma adottati skont l-Artikolu 4(2) [SP10].

- 4b. Il-komponenti tal-kompetittività u tas-soċjetà għandhom jiġu żviluppati b'mod koerenti biex jiġu żgurati t-tiżiħ reċiproku u l-kopertura bla xkiel tax-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni għal Unjoni b'saħħitha u reżiljenti.
6. Skont il-Pilastru II ta' dan il-Programm, għandu jingħata appoġġ lill-parti tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE stabbiliti skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2021/695 sal-2030. L-appoġġ għall-attivitajiet tar-R&I taħt Orizzont Ewropa fir-rigward tal-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) għandu jkun akkumpanjat minn azzjonijiet immirati lejn l-użu taħt programmi oħra tal-Unjoni.

Kapitolu IV

Innovazzjoni

Artikolu 16

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)

1. L-EIC għandu jidentifika, jiżviluppa u jespandi t-teknoloġija profonda u l-innovazzjoni rivoluzzjonarja. Għandu jingħata appoġġ meta t-teknoloġija profonda, l-istartups u l-iscaleups b'riskju għoli ma jkunux maturi biżżejjed biex jirċievu appoġġ ibbażat fuq is-suq. Dan għandu jiġi implimentat prinċipalment permezz ta' sejħiet għal proposti miftuħa minn isfel għal fuq filwaqt li jiġi żgurat portafoll ibbilanċjat ta' azzjonijiet fl-oqsma tematiċi kollha. Dan għandu jiġi kkomplementat minn sejħiet tematiċi u ta' "Sfida" mmirati f'oqsma ta' interess strateġiku potenzjali f'koordinazzjoni u sinerġija mill-qrib mat-twieqi ta' politika tal-FEK, filwaqt li tiġi żgurata l-komplementarjetà reċiproka u jiġu evitati duplikazzjonijiet, b'mod partikolari mal-Istrument InvestEU tal-FEK.
2. L-EIC għandu jipprovdi t-tipi ta' appoġġ li ġejjin għal azzjonijiet ta' riskju għoli:
- (a) Għotjiet Pathfinder għal riċerka ta' riskju għoli, b'mod partikolari r-riċerka fi stadju bikri, il-prova tal-kunċett u l-prototipar;
 - (b) Għotjiet ta' tranżizzjoni biex jiġu żviluppati perkorsi għall-iżvilupp kummerċjali għar-riżultati tar-riċerka, inkluż il-ħolqien ta' spin-offs u start-ups;

- (c) Finanzjament imħallat tal-Aċċelleratur u appoġġ għall-investiment biss lil kumpaniji uniċi biex jiżviluppaw, u jintroduċu l-innovazzjonijiet tagħhom fis-suq;
- (d) Inċentivi għall-akkwirenti biex jittestjaw u jipprovdu l-ewwel klijenti għal innovazzjonijiet ta' teknoloġija profonda u rivoluzzjonarja;
- (e) Servizzi ta' Aċċellerazzjoni tan-Negożju biex jikkomplementaw il-finanzjament tal-EIC billi jipprovdu aċċess, f'komplementarjetà u koordinazzjoni mal-Konsulenza tal-Proġetti msemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) XXX [il-Fond Ewropew għall-Kompetittività], għal għarfien espert fit-teknoloġija profonda, l-użu ta' Infrastrutturi tar-Riċerka u tat-Teknoloġija, l-ikkowċjar u l-mentoraġġ, in-networking u t-tqabbil mal-investituri, l-akkwirenti, il-korporattivi u sħab oħra tal-innovazzjoni.

3. It-tipi ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kkombinati b'mod flessibbli fl-Isfidi tal-EIC żviluppati u ssorveljati mill-Maniġers tal-Programmi tal-EIC. L-Isfidi tal-EIC għandhom jiġu implimentati bl-użu ta' approċċ ta' portafoll meta l-azzjonijiet jintgħażlu abbażi tal-komplementarjetajiet tagħhom biex jinkisbu objettivi definiti u jinteraġixxu ma' xulxin. Dan għandu jsir taħt is-superviżjoni tal-Maniġers tal-Programm tal-EIC bil-parir ta' esperti esterni indipendenti, fejn xieraq, biex jiġi previst approċċ aġli li jirreaġixxi għall-iżviluppi rapidi fit-teknoloġija u l-politika, b'mandat biex il-proġetti bi prestazzjoni baxxa jiġu orjentati mill-ġdid jew jitwaqqfu, inkluż finanzjament fi stadji, jiġu żgurati tranżizzjonijiet rapidi bejn l-istrumenti u jiġu ffaċilitati l-konnessjonijiet mal-utenti finali u mal-klijenti. F'każijiet bħal dawn, il-Kumitat tal-Programm għandu jiġi infurmat kif xieraq u fil-ħin.
4. L-appoġġ kollu għall-investiment tal-EIC għandu jiġi implimentat minn veikolu ta' investiment iddedikat wieħed jew aktar stabbiliti f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru (il-Fond tal-EIC). Il-Fond tal-EIC għandu jkun strutturat b'tali mod li jkun jista' jattira investituri pubbliċi jew privati oħra sabiex iżid l-effett ta' ingranaġġ tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

5. L-EIC jista' jappoġġa l-innovazzjoni f'teknoloġija profonda kritika b'enfasi fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża f'koordinazzjoni mill-qrib mat-tieqa ta' politika FEK "Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u Spazju". F'dawk il-każijiet, għandhom japplikaw l-Artikoli 50 u 51 tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività]. Tali appoġġ għandu jkun soġġett għal sejħiet speċifiċi għal proposti u ma għandux jaqbeż [X %] tal-baġit totali tal-Pilastru III. Minbarra d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-Isfidi tal-EIC li jiffukaw fuq l-applikazzjonijiet tad-difiża għandhom isegwu l-prijoritajiet stabbiliti taħt it-tieqa ta' politika tal-FEK ["Reżiljenza u Sigurtà, Industrija tad-Difiża u Spazju"] u jqisu tali prijoritajiet fil-kunsiderazzjonijiet tal-portafoll. Il-konfigurazzjoni tal-Kumitat tal-Programm responsabbli għar-["Reżiljenza u s-Sigurtà, l-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju"] għandha tinżamm infurmata dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-EIC għall-applikazzjonijiet tad-difiża.

Artikolu 17

L-Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni

1. Il-Programm għandu jappoġġa attivitajiet madwar prijoritajiet strateġiċi biex joħloq u jsaħħaħ ekosistemi tal-innovazzjoni kompetittivi, robusti, konnessi u tranżnazzjonali, jippermetti u jtejjeb il-kundizzjonijiet qafas, u jappoġġa l-ilħuq tal-iskala Ewropea, f'kollaborazzjoni u f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali. Tali attivitajiet għandhom ikunu miftuħa għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jibbenefikaw mill-kollaborazzjonijiet b'saħħithom bejn is-setturi, id-dixxiplini u l-fruntieri. Għandhom jiġu segwiti sinerġiji ma' partijiet oħra ta' dan il-Programm, fosthom kollaborazzjonijiet b'saħħithom ma' azzjonijiet oħra, u programmi oħra tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali biex titrawwem l-innovazzjoni billi jiġu promossi l-għarfien, it-tagħlim reċiproku, u t-trasferiment tat-teknoloġija u l-adozzjoni mis-suq, u tingħata għajnuna biex jinħoloq ambjent intraprenditorjali u kummerċjali aktar dinamiku li jirriżulta mix-xjenza fl-Unjoni.
2. Il-Programm għandu jappoġġa l-attivitajiet, fosthom dawk tal-Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-EIT, biex irawwem l-integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien - l-edukazzjoni għolja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, u n-negozju - madwar l-Unjoni.

Kapitolu V

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka

Artikolu 18

Iż-Żona Ewropea tar-Riċerka

1. L-objettiv taż-Żona Ewropea tar-Riċerka ("ŻER") huwa li jinħoloq suq uniku u mingħajr fruntieri għar-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija madwar l-Unjoni, li fih ir-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw liberament. Il-Programm għandu jiżgura l-promozzjoni u l-protezzjoni effettivi tal-valuri u l-prinċipji kollha taż-ŻER u tal-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa. Għandu jkompli jrawwem l-allinjament bejn il-politiki ta' riċerka u ta' innovazzjoni tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

L-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija

Il-finanzjament tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija għandu jikkontribwixxi biex l-Unjoni tiġi mgħammra b'ekosistema b'saħħitha, koerenti u konnessa ta' faċilitajiet u servizzi sostenibbli ta' klassi dinjija, li tibni fuq infrastrutturi pan-Ewropej prijoritizzati u kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali komplementari tal-ogħla livell. L-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni disponibbli fil-qafas ta' dan il-Programm għandhom jintużaw, fejn rilevanti, f'sinerġija ma' programmi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, u sorsi oħra ta' finanzjament. Il-Programm jista' jikkontribwixxi sa 20 % tal-kostijiet tal-kostruzzjoni jew tat-titjib ewlieni tal-kapaċitajiet importanti ta' livell dinji tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija ta' interess għall-Unjoni f'każijiet fejn ikun meħtieġ investiment lil hinn mill-kapaċità ta' atturi privati jew pubbliċi individwali. Mhux aktar minn [X %] tal-baġit totali tal-Pilastru IV għandu jintuża bħala kontribuzzjoni għall-kostijiet tal-kostruzzjoni jew tat-titjib ewlieni għall-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija. Kull kontribuzzjoni bħal din ma għandhiex tkun aktar minn [X %] tal-baġit totali tal-Pilastru IV. L-oqsma għall-appoġġ tal-kostijiet tal-kostruzzjoni jew tat-titjib maġġuri tal-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija ser jiġu definiti abbażi ta' gwida pprovduta mill-Kunsill jew, fejn xieraq, mill-korpi konsultattivi tiegħu, u abbażi tal-ħidma tal-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) u kwalunkwe Forum Strateġiku ulterjuri ieħor għall-infrastrutturi tat-teknoloġija.

It-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza

1. [Il-"pajjiżi tat-twessigħ" huma l-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja għall-finijiet tal-finanzjament tal-azzjonijiet skont il-paragrafu 5, il-punti a) u b).
2. Il-"pajjiżi fi tranżizzjoni" huma Ċipru, l-Estonja, il-Greċja, Malta, il-Portugall u s-Slovenja, għall-finijiet tal-finanzjament tal-azzjonijiet skont il-paragrafu 5, il-punt b).]

3. Bl-eċċezzjoni tal-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST), huma biss l-entitajiet legali stabbiliti fil-pajjiżi tat-twessigħ jew fil-pajjiżi fi tranżizzjoni li għandhom ikunu eliġibbli bħala koordinaturi skont il-komponent "twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza" tal-parti tal-Programm "Tisħiħ taż-ŻER". L-entitajiet legali li joperaw fuq bażi permanenti fir-reġjuni ultraperiferiċi kif definit fl-Artikolu 349 TFUE għandhom ikunu eliġibbli wkoll bħala koordinaturi skont dan il-komponent għall-appoġġ tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni u għandhom ikunu soġġetti għall-istess regoli li japplikaw għall-pajjiżi tat-twessigħ skont dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-paragrafu 7.
4. Għall-pajjiżi assoċjati, l-entitajiet legali mil-lista ta' pajjiżi eliġibbli kif definit abbażi ta' indikatur u ppubblikat fil-programm ta' ħidma għandhom ikunu eliġibbli bis-sħiħ bħala koordinaturi skont dan il-komponent.
5. It-"twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza" jinkludi dan li ġej:
- (a) miżuri tal-bini tal-kapaċità;
 - (b) miżuri li jappoġġaw: - l-integrazzjoni u t-tmexxija taż-ŻER; - valorizzazzjoni tal-għarfien; - il-ġlieda kontra l-eżodu tal-imħuħ; - l-attivitajiet tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (NCP) iddedikati; - COST; - il-mixja progressiva tal-pajjiżi tat-twessigħ u tat-tranżizzjoni lejn eliminazzjoni gradwali bla xkiel.
- 5a. Il-miżuri li wrew is-siwi tagħhom biex jintlaħqu l-oġġettivi tat-twessigħ, bħall-Ħolqien ta' timijiet, il-Presidenti taż-ŻER u l-preaċċelleratur tal-EIC, għandhom jibqgħu jiġu żviluppati aktar, u għandhom jiġu stabbiliti miżuri ġodda, inkluż miżuri mfassla biex isaħħu l-parteċipazzjoni tar-riċerkaturi minn pajjiżi tat-twessigħ jew tat-tranżizzjoni f'sejħiet tal-ERC. Il-miżuri eżistenti u ġodda jenħtieġ li jiżguraw it-tfassil ta' portafoll koerenti ta' miżuri li kapaċi jappoġġaw il-progressjoni u n-natura li qed tevolvi tal-ekosistemi tar-R&I tal-pajjiżi tat-twessigħ u tat-tranżizzjoni.

6. Il-komponent tat-Twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza tal-Programm għandu jassisti lill-pajjiżi tat-twessigħ u fi tranżizzjoni biex ikomplu jiżviluppaw is-sistemi tar-R&I tagħhom, iżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-partijiet kollha tal-Programm u fil-promozzjoni ta' kopertura ġeografika wiesgħa fi proġetti kollaborattivi eċċellenti. Il-miżuri taħt dan il-komponent għandhom jippromwovu konverġenza sostnuta 'l fuq fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jibnu fuq il-progress miksub mill-pajjiżi tat-twessigħ u tat-tranżizzjoni għall-progress kontinwu tagħhom. Dawk l-isforzi għandhom jiġu akkumpanjati b'miżuri proporzjonali mill-Istati Membri. Dan il-komponent għandu jiffaċilita wkoll it-tagħlim reċiproku fost il-koordinaturi tal-azzjonijiet iffinanzjati fil-Programm kollu u jassisti lill-entitajiet legali mill-pajjiżi fi tranżizzjoni fil-kondiviżjoni tal-esperjenza tagħhom għall-benefiċċju tal-koordinaturi mill-pajjiżi tat-twessigħ.
7. [Mill-2030 'il quddiem, l-aċċess għal miżuri ta' tisħiħ tal-kapaċità huwa ristrett għal dawk il-pajjiżi tat-twessigħ li żiedu n-nefqa reali tagħhom tal-investment pubbliku fir-riċerka u l-iżvilupp fl-aħħar sena magħrufa meta mqabbla mas-sena ta' qabilha.]

Titolu II

Regoli għall-parteċipazzjoni u t-tixrid

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 20

Ir-regoli tal-FEK

1. [L-Artikolu 10(2), 10 (3) dwar il-Preferenza tal-UE], l-Artikolu 13 dwar l-Applikazzjoni tar-regoli dwar informazzjoni klassifikata u informazzjoni sensittiva [u l-Artikolu 20 dwar Azzjoni Aċċellerata u Mmirata għall-Kompetittività tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività]] għandhom japplikaw għall-fini ta' dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

Eliġibbiltà

1. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jiġu stabbiliti biex jappoġġaw il-kisba tal-oġġettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3, f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u japplikaw għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni kollha skont il-Programm.
- 1a. Kwalunkwe entità ġuridika, irrISPettivament mill-post fejn ġiet stabbilita u inkluż entitajiet ġuridiċi minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew organizzazzjoni internazzjonali, tista' tipparteċipa f'azzjonijiet fil-qafas tal-Programm, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew sodisfatti flimkien ma' kwalunkwe kundizzjoni oħra stabbilita fil-programm ta' ħidma.
2. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni taħt ġestjoni diretta u indiretta, waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin ta' entitajiet legali jistgħu jkunu eliġibbli biex jirċievu appoġġ mill-Unjoni:
 - (a) entitajiet stabbiliti fi Stat Membru;
 - (b) entitajiet stabbiliti f'pajjiż terz assoċjat li jkun assoċjat mal-Programm;
 - (c) entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi b'introjtu baxx sa medju mhux assoċjati mal-Programm jew, eċċezzjonalment, f'pajjiżi terzi oħra mhux assoċjati oħra mal-Programm jekk il-pajjiż terz ikun identifikat fil-programm ta' ħidma adottat mill-Kummissjoni;
 - (d) entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi mhux assoċjati mal-Programm, sa fejn il-finanzjament ta' tali entitajiet ikun essenzjali għall-implimentazzjoni tal-azzjoni u jikkontribwixxi għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.

3. Ħlief f'każijiet debitament ġustifikati, meta l-programm ta' ħidma jipprovdi mod ieħor, biex ikunu eliġibbli għall-parteciġazzjoni f'azzjonijiet ta' aġġudikazzjoni, l-entitajiet legali għandhom jiffurmaw konsorzju li bħala benefiċjarji jinkludi tal-inqas tliet entitajiet legali indipendenti minn xulxin u kull waħda stabbilita f'pajjiżi differenti kif ġej:
 - (a) tal-inqas żewġ entitajiet legali jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti; u
 - (b) tal-inqas entità legali oħra tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
4. L-azzjonijiet ta' riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC, l-azzjonijiet tal-EIC, azzjonijiet MSCA u azzjonijiet li jinvolvu jew li għandhom bħala l-għan primarju tagħhom l-implimentazzjoni tal-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi, jistgħu jiġu implimentati minn entità legali waħda jew aktar, dment li waħda minn dawk l-entitajiet legali għandha tkun stabbilita fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm.
5. L-azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ jistgħu jiġu implimentati minn entità legali waħda jew aktar, li tista' tkun stabbilita fi Stat Membru, f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm, jew f'każijiet eċċezzjonali li jkunu ġew debitament ġustifikati, f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm.
6. F'konformità mal-Artikolu 136 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għal raġunijiet ta' sigurtà, ir-restrizzjonijiet tal-eliġibbiltà għandhom japplikaw għall-fornituri ta' riskju għoli, f'konformità mad-dritt tal-UE.
7. L-organizzazzjonijiet internazzjonali Ewropej tar-riċerka u entitajiet legali maħluqa skont id-dritt tal-Unjoni għandhom jitqiesu li huma stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dawk li fihom huma stabbiliti entitajiet legali oħra li jipparteċipaw fl-azzjoni.

8. Għal azzjonijiet ta' riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC, l-azzjonijiet ta' riċerka u ta' taħriġ u fejn previst fil-programm ta' ħidma jew is-sejħa għal proposti, organizzazzjonijiet internazzjonali li għandhom il-kwartieri ġenerali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz assoċjat mal-Programm għandhom jitqiesu bħala li huma stabbiliti f'dak l-Istat Membru jew f'dak il-pajjiż terz assoċjat mal-Programm. Għal partijiet oħra tal-Programm, l-organizzazzjonijiet internazzjonali għajr l-organizzazzjonijiet internazzjonali Ewropej tar-riċerka għandhom jitqiesu li huma stabbiliti f'pajjiż terz mhux assoċjat mal-Programm, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-programm ta' ħidma jew fis-sejħa għal proposti.
9. Minbarra l-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm li huma msemija fl-Artikolu 9(1) u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu, fejn rilevanti, jipparteċipaw fi kwalunkwe mekkaniżmu tal-akkwist stabbilit fl-Artikolu 168(2) u (3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 u jibbenefikaw minnu. Ir-regoli applikabbli għall-Istati Membri għandhom jiġu applikati, mutatis mutandis, għall-pajjiżi terzi parteċipanti li huma assoċjati mal-Programm u organizzazzjonijiet internazzjonali.
10. Fi proċeduri ta' aġġudikazzjoni, l-attivitajiet li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament:
- (a) l-attivitajiet li huma pprojbiti mid-dritt tal-Unjoni, mid-dritt internazzjonali applikabbli, jew mid-dritt nazzjonali fl-Istati Membri kollha. L-ebda finanzjament ma għandu jiġi pprovdut fi Stat Membru għal attività ta' riċerka, ta' teknoloġija jew ta' dimostrazzjoni li tkun projbita f'dak l-Istat Membru;
 - (aa) l-attivitajiet li diġà huma ffinanzjati kompletament minn fondi pubbliċi tal-UE, nazzjonali u reġjonali jew minn sorsi privati, ħlief kontribuzzjonijiet mill-Unjoni fil-kuntest tal-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(1);
 - (b) l-attivitajiet immirati lejn il-klonazzjoni umana għal skopijiet riproduttivi;
 - (c) l-attivitajiet maħsuba biex jimmodifikaw il-wirt ġenetiku tal-bnedmin li jistgħu jagħmlu tali modifiki ereditarji, ħlief riċerka relatata mat-trattament tal-kanċer tal-gonadi;

- (d) l-attivitajiet maħsuba biex joħolqu embrijuni umani biss għall-fini ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni jew għall-fini ta' akkwist ta' ċelloli staminali, inkluż permezz tat-trasferiment nukleari ta' ċelloli somatiċi;
- 10a. Ir-riċerka fuq iċ-ċelloli staminali umani, kemm adulti kif ukoll tal-embrijuni, tista' tiġi ffinanzjata b'mod li l-finanzjament ikun jiddependi kemm fuq il-kontenut tal-proposta xjentifika kif ukoll fuq il-qafas legali tal-Istati Membri involuti.
11. Minbarra r-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 132 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-proċeduri ta' aġġudikazzjoni u l-impenji legali li jirriżultaw għandhom jippermettu t-terminazzjoni meta l-oġġettivi tal-azzjoni x'aktarx mhux ser jintlaħqu bl-ebda mod jew fl-iskedi ta' żmien stabbiliti. Il-Kummissjoni għandha ssegwi proċedura kontradittorja mal-koordinatur tal-azzjoni u, jekk xieraq, bl-involviment ta' esperti esterni indipendenti, qabel ma tiddeċiedi li tittermina azzjoni. Il-Kumitat tal-Programm għandu jiġi infurmat b'tali każijiet.
- 12a. Meta xieraq u debitament ġustifikat, fid-dawl tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament, il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi kriterji ta' eliġibbiltà aktar dettaljati.

Artikolu 21a

Sigurtà tar-riċerka

1. L-azzjonijiet imwettqa fil-qafas ta' dan il-Programm għandhom jikkonformaw mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, fosthom id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà, il-kontroll tal-esportazzjoni, u miżuri kontra t-trasferiment mhux awtorizzat tal-għarfien u t-teknoloġija sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-interessi strateġiċi, is-sigurtà u l-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.

- 1a. Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tar-riċerka u f'konformità mal-Artikolu 10(3) tal-FEK, fejn xieraq u debitament ġustifikat, il-programm ta' ħidma jista' jistabbilixxi restrizzjonijiet ta' eliġibbiltà f'konformità mal-Artikolu 136 tar-[Regolament Finanzjarju] biex jitqiesu r-rekwiżiti ta' politika speċifiċi jew in-natura u l-oġettivi tal-azzjoni. Għal raġunijiet eċċezzjonali, il-programm jista' jpoġġi restrizzjonijiet fuq l-entitajiet parteċipanti, restrizzjonijiet fuq l-istrutturi manġerjali eżekuttivi u restrizzjonijiet fuq is-sjeda u l-kontroll li jillimitaw il-parteċipazzjoni tal-entitajiet kollha jew ta' ċerti entitajiet għal dawk l-entitajiet bi struttura ta' ġestjoni eżekuttiva, kif ukoll is-sjeda u l-kontroll minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, stabbiliti fl-Istati Membri, u fejn xieraq pajjiżi eliġibbli oħra. Kwalunkwe limitazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi assoċjati li jkunu membri taż-ŻEE għandha tkun konformi mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.
- 1b. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-qafas, il-proċeduri, il-gwida u l-appoġġ adegwati biex tiżgura l-applikazzjoni konsistenti, proporzjonata u effettiva tar-rekwiżiti tas-sigurtà tar-riċerka fl-istadji kollha tal-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż, fejn xieraq, awtovalutazzjoni tas-sigurtà u pjan inizjali ta' ġestjoni tas-sigurtà li jidentifika kwalunkwe kwistjoni ta' sigurtà mill-applikant.
3. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni jew il-korp ta' finanzjament rilevanti għandhom iwettqu rieżamijiet tas-sigurtà tar-riċerka u proċeduri ta' skrutinju, kif ukoll kontrolli għal proposti u azzjonijiet li jqajmu kwistjonijiet ta' sigurtà.
4. L-entitajiet legali li jipparteċipaw f'azzjoni għandhom jadottaw, fejn rilevanti, miżuri proporzjonati ta' sigurtà tar-riċerka matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-proġett. L-azzjonijiet li ma jikkonformawx mar-regoli tas-sigurtà skont dan l-Artikolu jistgħu jiġu miċħuda jew terminati fi kwalunkwe mument.

Integrità tal-etika u tar-riċerka

1. L-azzjonijiet imwettqa għandhom jikkonformaw ma':
 - (a) id-dritt rilevanti tal-Unjoni, nazzjonali u internazzjonali, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Protokolli Supplimentari tagħha;
 - (b) il-prinċipji etiċi, inkluż l-oġhla standards tal-integrità tar-riċerka.
2. Għall-proċeduri ta' aġġudikazzjoni identifikati fil-programm ta' ħidma, l-entitajiet legali li jipparteċipaw f'azzjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:
 - (a) jipprovdu awtovalutazzjoni tal-etika relatata mal-oġettiv, l-implimentazzjoni u l-impatt probabbli tal-attivitajiet, inkluż konferma u deskrizzjoni tal-konformità mal-paragrafu 1;
 - (b) jipprovdu konferma li l-attivitajiet ser jikkonformaw ma' (i) il-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka, (ii) il-Kodiċi ta' Kondotta Globali għal Sħubijiet ta' Riċerka Ekwa u li mhu ser titwettaq l-ebda attività eskluża mill-finanzjament;
 - (c) għal attivitajiet imwettqa barra mill-Unjoni, jipprevedu konferma li l-istess attivitajiet kieku kienu permessi fxi Stat Membru;
 - (d) għal attivitajiet li jagħmlu użu minn ċelloli staminali tal-embrijuni umani, kif xieraq, id-dettalji tal-miżuri ta' liċenzjar u ta' kontroll li jkollhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll id-dettalji tal-approvazzjonijiet etiċi li għandhom jinkisbu qabel il-bidu tal-attivitajiet ikkonċernati;
 - (e) jiksbu l-approvazzjonijiet kollha jew dokumenti obbligatorji oħra mill-kumitati tal-etika nazzjonali, lokali rilevanti jew korpi oħra rilevanti, bħall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, qabel il-bidu tal-attivitajiet rilevanti u jżommu daww id-dokumenti fil-fajl biex jiġu pprovduti lill-Kummissjoni jew lill-korp ta' implimentazzjoni rilevanti fuq talba.

Kapitolu II

Għotjiet

Artikolu 23

Sejħiet għal proposti

- 1. Il-kontenut tas-sejħiet għal proposti għall-azzjonijiet kollha għandu jkun inkluż fil-programm ta' ħidma.
1. Mhijiex meħtieġa sejħa għal proposti għal azzjonijiet ta' koordinazzjoni u appoġġ li:
 - (a) jridu jitwettqu minn entitajiet legali identifikati fil-programm ta' ħidma; u
 - (b) ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sejħa għal proposti, f'konformità mal-Artikolu 198, il-punt (e), tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.
2. Il-programm ta' ħidma għandu jispeċifika s-sejħiet għal proposti li għalihom jista' jingħata s-Siġill ta' Eċċellenza. L-informazzjoni dwar l-applikazzjoni u l-evalwazzjoni tista' tiġi kondiviża mal-awtoritajiet finanzjarji interessati, soġġett għall-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kunfidenzjalità sakemm ma jkunx hemm oġġezzjoni espliċita mill-applikant.
- 2a. Il-Kummissjoni u korpi oħra ta' finanzjament għandhom japplikaw proċedura ta' sottomissjoni u ta' evalwazzjoni f'żewġ stadji, fejn rilevanti, biex jissimplifikaw il-proċess ta' applikazzjoni għall-benefiċjarji, b'mod partikolari l-Pilastru II. Fejn xieraq, proposti anonimizzati jistgħu jiġu evalwati matul l-ewwel stadju tal-evalwazzjoni.

Artikolu 24

Kapaċità finanzjarja tal-applikanti

1. Minbarra l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 201(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kapaċità finanzjarja tal-koordinatur għandha tiġi vverifikata biss jekk il-finanzjament mitlub mill-Unjoni għall-azzjoni jkun ugwali għal jew aktar minn EUR 1 000 000.

2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk ikun hemm raġunijiet biex tiġi ddubitata l-kapaċità finanzjarja ta' applikant, jew jekk ikun hemm riskju akbar minħabba l-parteċipazzjoni f'diversi azzjonijiet attwali ffinanzjati minn programmi tal-Unjoni tar-R&I, għandha tiġi vverifikata wkoll il-kapaċità finanzjarja ta' applikanti oħrajn, jew ta' koordinaturi anke fejn il-finanzjament mitlub ikun taħt il-limitu msemmi fil-paragrafu 1.
3. Jekk il-kapaċità finanzjarja tkun strutturalment garantita minn entità legali oħra, il-kapaċità finanzjarja tal-entità legali l-oħra għandha tiġi verifikata.
4. Fil-każ fejn il-kapaċità finanzjarja ta' applikant tkun dgħajfa, il-parteċipazzjoni tal-applikant tista' ssir bil-kundizzjoni li tiġi pprovduta dikjarazzjoni ta' responsabbiltà in solidum minn entità affiljata.
5. Il-kontribuzzjoni lejn il-Mekkaniżmu ta' Assikurazzjoni Mutwa li hija stipulata fl-Artikolu 30 għandha titqies bħala garanzija suffiċjenti skont l-Artikolu 155 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. L-ebda garanzija jew sigurtà addizzjonali ma għandha tiġi aċċettata minn beneficijarji jew imposta fuqhom.

[Artikolu 25]

Il-kriterji għall-aġġudikazzjoni u l-għażla

1. Proposta għandha tiġi evalwata abbażi tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni li ġejjin:
 - (a) l-eċċellenza;
 - (b) l-impatt;
 - (c) il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni.

Il-programm ta' ħidma għandu jistabbilixxi d-dettalji dwar l-applikazzjoni tal-kriterji għall-aġġudikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kriterju ta' eċċellenza msemmi fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu biss għandu japplika għal evalwazzjonijiet taħt azzjonijiet ta' riċerka fil-fruntieri tal-għarfien tal-ERC u azzjonijiet ta' riċerka u taħriġ.]

Artikolu 26

Żmien għall-għotja

1. Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 197(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, għandhom japplikaw il-perjodi li ġejjin:
 - (a) biex jiġu infurmati l-applikanti kollha bir-riżultat tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, perjodu massimu ta' ħames xhur mid-data finali għall-preżentazzjoni tal-proposti kompluti;
 - (b) biex jiġu ffirmati l-ftehimiet ta' għotja mal-applikanti, perjodu massimu ta' seba' xhur mid-data finali għall-preżentazzjoni tal-proposti kompluti.
2. Mingħajr ma tiġi mnaqqsa l-kwalità tal-proċedura ta' evalwazzjoni u ta' aġġudikazzjoni, il-programm ta' ħidma jista' jistabbilixxi perjodi iqsar minn dawk previsti fil-paragrafu 1.
3. Minbarra l-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 197(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-perjodi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jinqabżu għal azzjonijiet tal-ERC, azzjonijiet li jirċievu appoġġ minn diversi komponenti ta' dan il-Programm jew minn programmi oħra tal-Unjoni, u meta l-azzjonijiet jiġu ppreżentati għal valutazzjoni tal-etika, għal skrutinju tas-sigurtà jew għal valutazzjonijiet biex tiġi protetta l-kompetittività tal-Unjoni inklużi l-assi u l-interessi strateġiċi tagħha.

[Artikolu 27

Rati ta' finanzjament

1. Għandha tapplika rata unika ta' finanzjament għal kull attività li jiffinanzja. Ir-rata massima għal kull azzjoni għandha tiġi stipulata fil-programm ta' ħidma.

2. Sa 100 % tat-total tal-kostijiet eliġibbli ta' azzjoni fil-qafas tal-Programm jistgħu jiġu rimborżati, ħlief għal entitajiet legali bi skop ta' qligħ fejn sa 70 % tat-total tal-kostijiet eliġibbli jistgħu jiġu rimborżati. Bħala eċċezzjoni, l-SMEs għandhom ikunu eliġibbli għal rata ta' finanzjament sa 100 % tat-total tal-kostijiet eliġibbli.]

Artikolu 28

Kostijiet indiretti

1. Il-kostijiet eliġibbli indiretti għandhom ikunu 25 % tal-kostijiet eliġibbli diretti totali, esklużi l-kostijiet eliġibbli diretti għal subkuntratti, appoġġ finanzjarju għal partijiet terzi u kwalunkwe kost unitarju jew somma f'daqqa li jinkludu kostijiet indiretti. Fejn xieraq, il-kostijiet indiretti inklużi f'kostijiet unitarji jew f'somom f'daqqa għandhom jiġu kkalkulati billi tintuża r-rata fissa msemmija fis-sentenza preċedenti, ħlief għal kostijiet unitarji fil-każ ta' merkanzija u servizzi fatturati internament, li għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-kostijiet attwali, f'konformità mal-prattika abitwali ta' kontabbiltà tal-kost tal-benefiċjarji.
2. Minkejja l-paragrafu 1, jekk previst fil-programm ta' ħidma, il-kostijiet indiretti jistgħu jiġu dikjarati fil-forma ta' somma f'daqqa jew ta' kostijiet unitarji.

Artikolu 29

Kostijiet eliġibbli

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 193(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kostijiet tar-riżorsi li jsiru disponibbli minn partijiet terzi permezz ta' kontribuzzjonijiet in natura għandhom ikunu eliġibbli sal-kostijiet eliġibbli diretti tal-parti terza.
2. B'deroga mill-Artikolu 195(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, l-introjtu ġġenerat mill-valorizzazzjoni tar-riżultati ma għandux jitqies bħala dħul tal-azzjoni.

- 2a. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-azzjonijiet MSCA għandha tiegħu kont debitu ta' kwalunkwe kost addizzjonali tal-benefiċjarju relatat ma' leave tal-maternità, leave tal-ġenituri, leave minħabba mard, leave speċjali jew ma' bidla tal-organizzazzjoni ospitanti tar-reklutaġġ jew ma' bidla fl-istat ċivili tar-riċerkatur matul il-perjodu tal-ftehim ta' għotja.

Artikolu 30

Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Reċiproka

1. B'dan huwa stabbilit Mekkaniżmu ta' Assigurazzjoni Reċiproka (il-"MIM") li għandu jissostitwixxi u jieħu post il-MIM stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/695. Il-MIM għandu jkopri r-riskju assoċjat man-nuqqas ta' rkupru ta' somom dovuti minn ċerti benefiċjarji ta' Orizzont Ewropa b'ġestjoni diretta u indiretta, kif ukoll kwalunkwe riskju preeżistenti kopert f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2021/695.
2. Il-MIM għandu jiġi ġestit mill-Unjoni, rappreżentata mill-Kummissjoni li tagħixxi bħala aġent eżekuttiv. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi regoli speċifiċi għall-operat tal-MIM permezz ta' att ta' implimentazzjoni.
3. Il-benefiċjarji għandhom jagħmlu kontribuzzjoni ta' 5 % tal-finanzjament tal-Unjoni għall-azzjoni. Abbażi ta' evalwazzjonijiet trasparenti perjodiċi, il-Kummissjoni tista' żżid dik il-kontribuzzjoni sa 8 % jew tnaqqasha għal inqas minn 5 %. Il-kontribuzzjoni għandha tiġi paċuta mal-prefinanzjament inizjali u mħallsa lura lill-benefiċjarji mal-pagament tal-bilanċ. Dik il-kontribuzzjoni ma għandhiex teċċedi l-ammont tal-prefinanzjament inizjali.
4. Kwalunkwe redditu finanzjarju ġġenerat mill-MIM u kwalunkwe ammont irkuprat għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għall-MIM. Jekk ir-redditu ma jkunx biżżejjed, il-MIM ma għandux jintervjeni, u l-awtorità tal-ġoti għandha tirkupra kwalunkwe ammont direttament.

5. Ladarba jitlestew l-għotjiet kollha li għalihom ir-riskju jkun kopert mill-MIM, kwalunkwe ammont miżmum mill-MIM jista' jiġi rkuprat mill-Kummissjoni u għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 għall-Programm, jew is-suċċessur tiegħu.

Artikolu 31

Sjieda tar-riżultati

1. Il-benefiċjarji għandhom ikunu s-sidien tar-riżultati li huma jiġġeneraw.
2. Żewġ benefiċjarji jew aktar għandhom ikunu s-sidien b'mod konġunt tar-riżultati jekk ikunu ġġenerawhom b'mod konġunt u ma jkunx possibbli li:
 - (a) tkun stabbilita l-kontribuzzjoni rispettiva ta' kull benefiċjarju; jew
 - (b) jiġu sseparati r-riżultati meta ssir l-applikazzjoni għall-protezzjoni tagħhom.

Huma għandhom jaqblu bil-miktub dwar l-allokazzjoni u t-termini tal-eżerċizzju tas-sjieda konġunta tagħhom. Sakemm ma jiġix miftiehem mod ieħor, kull sid konġunt jista' jagħti liċenzji mhux esklussivi lil partijiet terzi sabiex jużaw ir-riżultati ipposseduti b'mod konġunt (mingħajr ebda dritt ta' subliċenzjar), jekk is-sidien konġunti l-oħra jingħataw avviż minn qabel u kumpens ġust u raġonevoli. Is-sidien konġunti jistgħu jiftiehem bil-miktub li japplikaw sistema oħra minflok sjieda konġunta.

3. Jekk il-partijiet terzi involuti fl-azzjoni (inkluż il-persunal) ikollhom drittijiet għar-riżultati, il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li dawk id-drittijiet ikunu jistgħu jiġu eżerċitati b'mod kompatibbli mal-obbligi tagħhom fir-rigward ta' dawk ir-riżultati.
4. F'każijiet debitament ġustifikati, it-trasferiment tas-sjieda jista' jkun soġġett għal kundizzjonijiet kif stabbilit fil-programm ta' ħidma jew fil-ftehim ta' għotja, inkluż rekwiżit li jgħaddi kwalunkwe obbligu rigward ir-riżultati.

Tixrid u Valorizzazzjoni

1. Il-benefiċjarji għandhom jamministraw ir-riżultati tagħhom f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-programm ta' ħidma jew fil-ftehim ta' għotja. Bħala parti minn dan, il-benefiċjarji għandhom:
 - (a) jipproteġu r-riżultati tagħhom jekk ikunu ġġustifikati, b'mod partikolari jekk ir-riżultati jkollhom potenzjal kummerċjali jew ikunu rilevanti għas-sigurtà;
 - (b) jagħtu aċċess għar-riżultati u t-tagħrif eżistenti tagħhom jekk ikun meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' kompiti ta' azzjoni jew għall-valorizzazzjoni tar-riżultati;
 - (c) jagħmlu l-aħjar sforzi biex jivvalorizzaw ir-riżultati tagħhom, direttament jew indirettament, inkluż permezz ta' trasferiment jew liċenzjar; jekk ir-riżultati ma jiġux valorizzati f'perjodu partikolari, il-Kummissjoni tista' tidentifika strumenti u għodod, bħal dawk li jservu l-istrateġija ta' valorizzazzjoni stabbilita fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività], li l-benefiċjarji kkonċernati għandhom jużaw biex jiffaċilitaw il-valorizzazzjoni ta' dawk ir-riżultati;
 - (d) jippubblikaw ir-riżultati b'mod xieraq u malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jżommu r-riżultati kunfidenzjali jekk ikun meħtieġ minħabba l-protezzjoni tar-riżultati, tħassib dwar is-sigurtà jew interessi leġittimi;
 - (e) jaderixxu mal-prattiki tax-xjenza miftuħa, inkluż billi:
 - (i) jiżguraw l-aċċess miftuħ għall-pubblikazzjonijiet xjentifiċi kollha evalwati bejn il-pari dwar ir-riżultati;
 - (ii) jamministraw b'mod responsabbli d-data tar-riċerka fl-azzjoni u riżultati oħra f'konformità mal-prinċipji "traċċabbiltà", "aċċessibbiltà", "interoperabbiltà" u "użu mill-ġdid" (il-prinċipji FAIR) kif ukoll l-iżgurar ta' aċċess miftuħ għaliha sakemm dan ma jkunx kontra l-leġislazzjoni applikabbli u l-interessi leġittimi, inklużi interessi kummerċjali, jew restrizzjonijiet oħra.

- (f) sakemm ma jkunx previst mod ieħor fil-programm ta' ħidma, jiżviluppaw u jaġġornaw regolarment pjan għall-ġestjoni tar-riżultati tagħhom, fosthom id-data;
- (g) jagħtu aċċess mingħajr royalties għar-riżultati tagħhom għall-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki jew il-programmi tagħhom lill-entitajiet li ġejjin:
 - (i) lill-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni;
 - (ii) lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, fejn previst fil-programm ta' ħidma jew fil-ftehim ta' għotja.

Artikolu 33

L-akkwist prekummerċjali u l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi

1. L-azzjonijiet ta' għotja jistgħu jinvolvu jew ikollhom bħala l-għan primarju tagħhom l-akkwist prekummerċjali jew l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi. Dawn l-akkwisti għandhom jitwettqu minn benefiċjarji li huma akkwirenti pubbliċi jew akkwirenti privati.
2. Il-proċeduri ta' akkwist:
 - (a) meta jitwettqu minn akkwirenti pubbliċi: għandhom ikunu konformi mar-regoli tal-kompetizzjoni u mal-prinċipji ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni, trattament ugwali, ġestjoni finanzjarja tajba, proporzjonalità, mar-regoli tal-UE applikabbli għas-salvagwardja tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni u r-rekwiżiti regolatorji tal-Unjoni għal setturi speċifiċi;
 - (b) meta jitwettqu minn akkwirenti privati: għandhom ikunu konformi mal-prinċipji TFUE, mar-regoli tal-kompetizzjoni u mad-dritt kuntrattwali applikabbli, mad-drittijiet tal-UE għas-salvagwardja tal-awtonomija strateġika tal-Unjoni u r-rekwiżiti regolatorji tal-Unjoni għal setturi speċifiċi;
 - (c) jistgħu jawtorizzaw l-aġġudikazzjoni ta' kuntratti multipli fl-istess proċedura (akkwisti minn diversi sorsi);
 - (d) għandhom jipprevedu l-aġġudikazzjoni tal-kuntratti lill-offerti li joffru l-aqwa valur għall-flus filwaqt li jiżguraw li ma hemm l-ebda kunflitti ta' interess.

3. Fil-każ ta' akkwist prekkummerċjali, il-proċedura ta' akkwist tista' tiġi aċċellerata u tista' tinkludi x-xiri ta' soluzzjonijiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom biex tiġi ssimplifikata u ffaċilitata l-implimentazzjoni.
4. Jistgħu japplikaw kundizzjonijiet speċifiċi inkluż rigward il-post tat-twettiq tas-servizzi, l-oġġetti jew ix-xogħlijiet akkwistati u s-sjieda tar-riżultati u l-aċċess għalihom. Bħala parti minnu, għall-akkwist prekkummerċjali:
 - (a) il-kuntratturi għandhom ikunu s-sidien ta' mill-inqas id-drittijiet ta' proprjetà intellettuali għar-riżultati li jkunu ġġeneraw, filwaqt li l-akkwirenti għandhom jiksibu mill-inqas aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-użu tagħhom stess kif ukoll aċċess mingħajr royalties għar-riżultati għall-kuntratturi attwali u futuri tagħhom biex jużaw ir-riżultati għall-akkwirenti.
 - (b) f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza meta l-kuntratturi ma jkunux jistgħu jipprovdu soluzzjonijiet suffiċjenti biex jissodisfaw domanda usa' fis-suq tal-UE, l-akkwirenti għandu jkollhom id-dritt li jagħtu, jew li jirrikjedu li l-kuntratturi jagħtu d-dritt lil partijiet terzi biex jużaw ir-riżultati kummerċjalment għall-akkwirent u għal swieq usa' fuq bażi mhux esklużiva u skont kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli;
 - (c) jekk il-kuntratturi jonqsu milli jużaw ir-riżultati tagħhom kummerċjalment f'perjodu partikolari jew jabbużaw mir-riżultati tagħhom kontra l-interess pubbliku, jistgħu jkunu meħtieġa jittrasferixxu s-sjieda tagħhom tar-riżultati lill-akkwirenti, f'konformità mal-kuntratt ta' akkwist.
5. L-azzjonijiet ta' akkwist imwettqa mill-Kummissjoni jew mill-korpi ta' implimentazzjoni jistgħu jieħdu l-forma ta' akkwist prekkummerċjali jew akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi. Dawn l-akkwisti għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni jew mill-korp ta' implimentazzjoni rilevanti f'isimha stess jew b'mod konġunt mal-awtoritajiet kontraenti mill-Istati Membri u mill-pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm.

Kapitolu III

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

Artikolu 34

Regoli speċifiċi tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 20(2)(a)(i) tar-Regolament (UE) XXX [Fond Ewropew għall-Kompetittività], u kif speċifikat fil-programm ta' ħidma, l-għotjiet tat-Tranżizzjoni tal-EIC jistgħu jingħataw mingħajr sejħiet għall-proposti fuq rakkomandazzjoni tal-manigġer tal-programm u l-parir tal-esperti esterni indipendenti, skont kriterji ċari u oġġettivi għall-fini ta' finanzjament ta' segwitu għar-riżultati ġġenerati minn azzjonijiet iffinanzjati mill-Programm u mir-Regolament Orizzont Ewropa Nru 2021/695.
2. L-Aċċelleratur tal-EIC għandu jappoġġa biss lil benefiċjarji uniċi u destinatarij ta' investiment uniċi li jkunu SMEs, inkluż startups u scaleups, u f'każijiet debitament ġustifikati mid-caps żgħar.
3. Il-proposti għal azzjonijiet tal-Aċċelleratur tal-EIC jistgħu jiġu ppreżentati minn entità legali waħda jew aktar li jkollhom l-intenzjoni li jstabbilixxu jew jappoġġaw lil riċevitur potenzjali, bil-qbil minn qabel ta' dak ir-riċevitur. Jekk jintgħażel għall-finanzjament, il-ftehim tal-għotja u tal-investiment għandu jiġi ffirmat biss ma' dak ir-riċevitur.
4. Fil-każ ta' azzjonijiet ta' finanzjament imħallat, il-benefiċjarju u d-destinatarju tal-investiment jistgħu jkunu differenti, fis-sens li d-destinatarju tal-investiment jista' jkun il-kumpanija azzjonarja jew il-kumpanija omm tal-benefiċjarju.
5. Il-korpi ta' finanzjament li jimplimentaw Programmi tal-Unjoni, jew programmi jew korpi ta' finanzjament nazzjonali jew reġjonali ċċertifikati mill-Kummissjoni, jistgħu jippreżentaw direttament proposta għal sejħa għat-Tranżizzjoni tal-EIC jew għall-Aċċelleratur tal-EIC, fejn tali proposti jirriżultaw minn rieżami ta' proġett ta' azzjoni ffinanzjata mill-programmi u l-korpi ta' finanzjament iċċertifikati u soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma tal-EIC (Plug in tal-EIC u Fast Track tal-EIC).

6. Għall-Aċċelleratur tal-EIC, it-tielet kriterju ta' evalwazzjoni stabbilit fl-Artikolu 25(1) għandu jiġi sostitwit bil-livell ta' riskju tal-azzjoni, il-kwalità u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni, u l-ħtieġa għall-appoġġ mill-Unjoni.
7. L-investimenti għandhom isiru f'destinatariji ta' investiment mhux bankabbli u b'mod konġunt ma' koinvestimenti minn investituri privati oħra. Madankollu, meta tali appoġġ ma jiġix ipprovdut kompletament fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, jew meta l-kumpaniji ma jsibux koinvestituri privati fl-Unjoni jew ikunu bankabbli biss barra mill-UE, l-appoġġ għal daww l-investimenti jista', f'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, jiġi pprovdut sabiex jiġu protetti l-interessi strateġiċi tal-Unjoni.
8. B'deroga mill-Artikolu 212(2)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, il-kundizzjonijiet li jikkonċernaw il-vijabbiltà ekonomika ma għandhomx japplikaw għall-azzjonijiet ta' investiment tal-Aċċelleratur tal-EIC.
- B'deroga mill-ewwel, it-tieni u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 212(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, id-dħul, ir-ripagamenti u l-irkupri minn jew tal-azzjonijiet ta' ekwità tal-Fond tal-EIC iffinanzjati minn dan ir-Regolament u l-predeċessuri tiegħu għandhom jintużaw biex jipprovdut appoġġ tal-Unjoni għall-azzjonijiet ta' ekwità tal-Fond tal-EIC. B'deroga mill-punt (f) tal-Artikolu 21(3) u f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509, dawn ir-riżorsi għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat estern lil dan il-programm.
9. L-azzjonijiet ta' finanzjament imħallat għandhom jiġu sospiżi, emendati jew, jekk debitament ġustifikati, terminati jekk ma jintlaħqux tappi miżurabbli jew jekk il-benefiċjarju jirrifjuta l-appoġġ għall-investiment mingħajr raġuni debitament ġustifikata.
10. Il-Fond tal-EIC jista' eċċezzjonalment jaġġudika investimenti ta' segwitu f'wieħed miż-żewġ każijiet li ġejjin biss:
- (a) jekk ikunu meħtieġa biex jiġu protetti l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-Unjoni; jew
 - (b) jekk ċikli ta' finanzjament sussegwenti ma jkunux jipproċedu jew jipproċedu b'termini ferm inqas favorevoli mingħajr l-investiment ta' segwitu tal-EIC.

11. Il-programm ta' ħidma tal-EIC jista' jistabbilixxi limitazzjonijiet addizzjonali rigward l-aġġudikazzjoni ta' appoġġ ta' segwitu, b'mod partikolari fir-rigward tad-daqs ta' dak l-appoġġ. Il-Kumitat tal-Programm għandu jiġi infurmat kif xieraq u fil-ħin f'appoġġ ta' segwitu bħal dan.

Artikolu 35

Tħassir

Ir-Regolament (UE) 695/2021 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2028.

Artikolu 36

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa t-tkomplija jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, skont ir-Regolament (UE) 695/2021, li għandu jkompli japplika għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.
2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm u l-miżuri adottati skont il-predeċessur tiegħu, ir-Regolament (UE) 2021/695.

Artikolu 37

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
